ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 322

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

9 ta' Diċembru 2009

Werrej

I *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1197/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2115/2005 li jistabbilixxi pjan ta' rkupru tal-provvista tal-ħalibatt tal-Groenlandja fil-qafas tal-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Majjistral** ..... 1

DIRETTIVI

★ **Direttiva 2009/139/KE tal-Parlament ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar markar statutorju għal vetturi bil-mutur b'żewġ jew tliet roti** (1) ..... 3

II *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Il-Kunsill**

2009/904/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2009 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità Ewropea dwar l-innegozjar mill-ġdid tal-Ftehim Monetarju mar-Repubblika ta' San Marino** ..... 12

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

**Prezz: 3 EUR**

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

III *Atti adottati skont it-Trattat tal-UE*

ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU VI TAT-TRATTAT TAL-UE

★ **Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/905/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar l-Akkreditament tal-forrnituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji** ............................... 14

---

V *Atti adottati mill-1 ta' Diċembru 2009 taħt it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat Euratom*

ATTI LI L-PUBBLIKAZZJONI TAGĦHOM HIJA OBBLIGATORJA

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1198/2009 tat-8 ta' Diċembru 2009 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ..................... 17

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1199/2009 tat-8 ta' Diċembru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1159/2009 li jiffissa d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali mill-1 ta' Diċembru 2009 19

2009/906/PESK:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/906/PESK tat-8 ta' Diċembru 2009 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnja u Ħerzegovina (BiH)** ....................................... 22

2009/907/PESK:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/907/PESK tat-8 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja** ........................................................................ 27

ATTI LI L-PUBBLIKAZZJONI TAGĦHOM MHIJIEX OBBLIGATORJA

2009/908/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 2009 li tistabbilixxi miżuri għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew dwar l-eżerċizzju tal-Presidenza tal-Kunsill, u dwar il-presidenza tal-korpi preparatorji tal-Kunsill** ................................................................. 28

MT

I

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1197/2009

**tat-30 ta' Novembru 2009**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2115/2005 li jistabbilixxi pjan ta' rkupru tal-provvista tal-ħalibatt tal-Groenlandja fil-qafas tal-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Majjistral**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 2115/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 [1] jimplimenta pjan ta' rkupru għall-ħalibatt tal-Groenlandja adottat mill-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (minn hawn 'il quddiem imsejħa "NAFO").

(2) Fid-29 Laqgħa Annwali li saret f'Settembru 2007, in-NAFO adottat għadd ta' emendi għal dan il-pjan ta' rkupru. Dawk l-emendi għandhom x'jaqsmu ma' miżuri mtejba ta' kif jiġi rrappurat il-qbid u miżuri addizzjonali ta' kontroll biex jissaħħu l-ispezzjonijiet fuq il-baħar għal bastimenti deħlin u ħerġin miż-Żona Regolatorja tan-NAFO.

(3) Għalhekk huwa neċessarju li r-Regolament (KE) Nru 2115/2005 jiġi emendat sabiex jimplementa l-emendi għall-pjan ta' rkupru,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 2115/2005 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 5a li ġej:

[1] ĠU L 340, 23.12.2005, p. 3.

"*Artikolu 5a*

**Dħul fiż-Żona Regolatorja tan-NAFO**

1. Il-bastimenti tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 5(1) jistgħu jidħlu fiż-Żona Regolatorja tan-NAFO biex jistadu għall-ħalibatt tal-Groenlandja biss jekk huma:

(a) jkollhom inqas minn 50 tunnellata ta' kwalunkwe qabda abbord; jew

(b) jikkonformaw mal-proċedura stabbilita fil-paragrafi 2, 3 u 4.

2. Fejn il-bastiment tas-sajd ikollu qabdiet minn barra ż-Żona Regolatorja tan-NAFO ta' 50 tunnellata jew aktar abbord, għandu jikkomunika lis-Segretarjat tan-NAFO, permezz tal-posta elettronika jew fax, sa mhux aktar tard minn 72 siegħa qabel ma jidħol fiż-Żona Regolatorja tan-NAFO:

(a) l-ammont tal-qabda miżmuma abbord;

(b) il-pożizzjoni (latitudni/lonġitudni) li fiha l-kaptan tal-bastiment jipprevedi li l-bastiment ikun ser jibda jistad; u

(c) l-ħin stmat tal-wasla fil-pożizzjoni.

3. Jekk bastiment ta' spezzjoni, wara l-komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, jindika li jkun biħsiebu jwettaq spezzjoni, dan għandu jikkomunika lill-bastiment tas-sajd l-koordinati ta' punt ta' kontroll fejn tkun tista' ssir spezzjoni. Il-punt ta' kontroll m'għandux ikun aktar minn 60 mil nawtiku mill-pożizzjoni li fih il-kaptan tal-bastiment jipprevedi li l-bastiment ikun ser jibda jistad.

4. Il-bastiment tas-sajd imsemmi fil-paragrafu 2 jista' jibda jistad f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) jekk jiġi notifikat b'dan mis-Segretarjat tan-NAFO;

(b) jekk, wara spezzjoni mwettqa skont il-paragrafu 3, jiġi infurmat mill-bastiment ta' spezzjoni li jista' jibda jistad;

(c) jekk il-bastiment ta' spezzjoni ma jkunx beda l-ispezzjoni fi żmien tliet sigħat wara l-wasla tal-bastiment tas-sajd fil-punt ta' kontroll indikat skont il-paragrafu 3;

(d) jekk ma jirċievi l-ebda komunikazzjoni, mis-Segretarjat tan-NAFO jew minn bastiment ta' spezzjoni sakemm jidħol fiż-Żona Regolatorja tan-NAFO, li bastiment ta' spezzjoni għandu l-intenzjoni li jagħmel spezzjoni skont il-paragrafu 3.";

(2) L-Artikolu 6 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (b) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) kwantitajiet ta' ħalibatt tal-Groenlandja fuq bażi ta' ħamest ijiem, inkluż qabda li ma tirrendi xejn. Dan ir-rapport għandu jiġi trasmess għall-ewwel darba mhux aktar tard minn tmiem l-għaxar jum wara d-data tad-dħul tal-bastiment fis-Sub-żona 2 tan-NAFO u fid-Diviżjonijiet 3KLMNO;",

(b) il-paragrafi 2 u 3 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom, malli jirċevuhom, jittrasmettu r-rapporti previsti fil-paragrafu 1 lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat minnufih ir-rapport imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1 lis-Segretarjat tan-NAFO.

3. Meta l-qabdiet ta' ħalibatt tal-Groenlandja notifikati skont il-paragrafu 2 jitqiesu li eżawrew 75 % tal-allokazzjoni tal-kwota tal-Istati Membri, il-kaptani għandhom jittrasmettu r-rapporti msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 fuq bażi ta' tlett ijiem."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. ASK

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA 2009/139/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-25 ta' Novembru 2009**

**dwar markar statutorju għal vetturi bil-mutur b'żewġ jew tliet roti**

**(verżjoni kodifikata)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/34/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993 dwar markar statutorju għal vetturi bil-mutur b'żewġ jew tliet roti ([3]) ġiet emendata kemm-il darba ([4]) b'mod sostanzjali. Fl-interess taċ-ċarezza u tar-razzjonalità, l-imsemmija Direttiva għandha tiġi kodifikata.

(2) Id-Direttiva 93/34/KEE hija waħda mid-Direttivi separati tas-sistema tal-approvazzjoni tat-tip KE msemmija fid-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-approvazzjoni tat-tip KE ta' vetturi bil-mutur b'żewġ jew tliet roti, kif sostitwita bid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/24/KE tat-18 ta' Marzu 2002 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta ([5]), u li tistabbilixxi rekwiżiti tekniċi dwar id-disinn u l-kostruzzjoni ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta rigward l-immarkar statutorju. Dawk irrekwiżiti tekniċi jikkonċernaw l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri sabiex jippermettu l-applikazzjoni, fir-rigward ta' kull tip ta' vettura, tal-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip KE stabbilita fid-Direttiva 2002/24/KE. Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet imsemmija fid-Direttiva 2002/24/KE dwar sistemi ta' vetturi, komponenti u unitajiet tekniċi separati japplikaw għal din id-Direttiva.

(3) Fir-rigward ta' markar statutorju applikabbli għal vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew tlieta, din id-Direttiva m'għandhiex timpedixxi lil ċerti Stati Membri milli jżommu, fuq bażi mhux diskriminatorja, dispożizzjonijiet speċifiċi mandatarji bil-għan li japplikaw regolamenti tat-traffiku, kemm-il darba dawn ir-rekwiżiti speċifiċi jikkonċernaw l-użu ta' dawn il-vetturi u ma jinvolvux xi modifikazzjonijiet fil-kostruzzjoni tagħhom li x'aktarx joħolqu ostaklu għall-approvazzjoni tat-tip tal-Komunità ta' din it-tip ta' vettura.

(4) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri relatati mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi elenkati fl-Anness II, Parti B,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Din id-Direttiva tapplika għall-markar statutorju għal kull tip ta' vettura kif definita fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/24/KE.

*Artikolu 2*

Il-proċedura għall-għoti ta' approvazzjoni tat-tip tal-komponent KE fir-rigward ta' markar statutorju għal tip ta' vettura bil-mutur b'żewġ roti jew tlieta u l-kondizzjonijiet li jirregolaw il-moviment liberu ta' tali vetturi għandhom ikunu kif stabbiliti fil-Kapitoli II u III tad-Direttiva 2002/24/KE.

([1]) ĠU C 77, 31.3.2009, p. 41.
([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novembru 2008 (għadha m'hijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Novembru 2009.
([3]) ĠU L 188, 29.7.1993, p. 38.
([4]) Ara l-Anness II, Parti A.
([5]) ĠU L 124 tad-9.5.2002, p. 1.

*Artikolu 3*

L-emendi neċessarji għall-addattament tar-rekwiżiti tal-Anness I għall-progress tekniku għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 18(2) tad-Direttiva 2002/24/KE.

*Artikolu 4*

1. Għal vetturi b'żewġ roti jew tlieta li jkunu kompatibbli mad-dispożizzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva, l-Istati Membri m'għandhomx, għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu ma markar statutorju, jiċħdu l-għoti ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE jew jipprojbixxi r-reġistrazzjoni, l-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' tali vetturi.

2. L-Istati Membri għandhom jiċħdu, għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu ma markar statutorju, l-għoti ta' approvazzjoni tat-tip ta' kwalunkwe tip ġdid ta' vettura bil-mutur b'żewġ roti jew tlieta li ma tkunx konformi mad-dispożizzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam regolat minn din id-Direttiva.

*Artikolu 5*

Id-Direttiva 93/34/KEE, kif emendata mid-Direttivi elenkati fl-Anness II, Parti A hija mħassra, bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri relatati mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi elenkati fl-Anness II, Parti B.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fl-Anness III.

*Artikolu 6*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għanda tapplika mill-1 ta' Ġunju 2010.

*Artikolu 7*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, il-25 ta' Novembru 2009.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BUZEK | Å. TORSTENSSON |

*ANNESS I*

**REKWIŻITI DWAR IL-MARKAR STATUTORJU GĦAL VETTURI BIL-MUTUR B'ŻEWĠ ROTI JEW TLIETA**

1. ĠENERALI

1.1. Il-vetturi kollha għandhom jirċievu pjanċa u markar kif deskritt hawn taħt. Dik il-pjanċa u dak l-immarkar għandhom jitwaħħlu mill-manufattur jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

2. PJANĊA TAD-DATA TAL-MANUFATTUR

2.1. Pjanċa tad-data tal-manufattur, li mudell tagħha jidher fl-Appendiċi 1 trid titwaħħal b'mod sod, f'punt faċilment aċċessibbli, ma' parti li normalment aktarx ma tinbidilx waqt l-użu; trid tkun tinqara faċilment u jkun fiha l-informazzjoni li ġejja f'forma li ma titħassarx, fl-ordni li ġejja:

2.1.1. isem il-manufattur;

2.1.2. marka ta' approvazzjoni tat-tip KE kif deskritta fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/24/KE;

2.1.3. in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (VIN);

2.1.4. il-livell ta' ħoss meta wieqaf: … dB(A) … rev/min.

2.2. Il-marka ta' approvazzjoni tat-tip kif meħtieġa mill-punt 2.1.2, il-valur tal-livell tal-ħoss meta wieqaf u n-numru ta' dawra/minuta kif meħtieġa mill-punt 2.1.4 mhumiex inklużi fl-approvazzjoni tat-tip tal-komponent KE ta' markar statutorju. Madankollu, dawk il-biċċiet ta' informazzjoni jridu jkunu mwaħħla mal-vetturi kollha manufatturati b'mod konformi mat-tip li ġie approvat.

2.3. Il-manufatturi jistgħu jwaħħlu informazzjoni addizzjonali taħt jew maġenb il-markar statutorju, 'l barra minn rettangolu mmarkat b'mod ċar li jkun fih biss l-informazzjoni meħtieġa mill-punti 2.1.1 sa 2.1.4 (ara Appendiċi 1).

3. NUMRU TA' IDENTIFIKAZZJONI TAL-VETTURA

In-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura jikkonsisti minn kombinazzjoni strutturata ta' karattri mogħtija lil kull vettura mill-manufattur tagħhom. L-iskop tiegħu huwa li jagħmilha possibbli li kull vettura tiġi identifikata mingħajr ambigwità permezz tal-manufattur tagħha - mingħajr il-ħtieġa ta' xi informazzjoni oħra - għal perjodu ta' 30 sena. L-identifikazzjoni trid tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

3.1. in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura jrid jidħol fil-pjanċa tad-data tal-manufattur. Irid ukoll ikun martellat jew ippanċjat b'tali mod li jkun evitat li jitħassar jew jinbidel fuq ix-*chassis* jew *frame* f'punt li jista' jkun faċilment aċċessibbli, u jrid ikun fuq in-nofs tal-lemin tal-vettura;

3.1.1. in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura għandu jkun fi tliet partijiet kif muri hawn taħt:

3.1.1.1. l-ewwel parti tikkonsisti f'kodiċi mogħti lill-manufattur tal-vettura li jagħmilha possibbli li dik il-persuna tkun identifikata. Il-kodiċi għandu jikkonsisti fi tliet karattri (ittri jew ċifri) maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż li fih il-manufattur għandu l-indirizz reġistrat tiegħu bi qbil mal-prattika tal-aġenzija internazzjonali li taġixxi fuq l-awtorizzazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għal Standardization (ISO). L-ewwel karattru jimmarka ż-żona ġeografika, it-tieni l-pajjiż ġewwa żona ġeografika u t-tielet karattru l-manufattur partikolari. Fejn il-manufattur jipproduċi anqas minn 500 vettura fis-sena, it-tielet karattru jkun dejjem 9. Biex ikun identifikat dak il-manufattur, l-awtorità msemmija hawn fuq għandha toħroġ ukoll it-tielet, ir-raba' u l-ħames karattru tat-tielet parti;

3.1.1.2. It-tieni parti tikkonsisti f'sitt karattri (ittri jew ċifri) bil-għan li jiddeskrivu l-karatteristiċi ġenerali tal-vettura (tip, varjant, u fil-każ ta' moped, verżjoni); kull karatteristika tista' tkun rappreżentata b'diversi karattri. Jekk il-manufattur tagħha ma jużax wieħed jew aktar minn dawn il-karattri l-ispazji mhux użati għandhom jimtlew b'karattri numeriċi jew alfabetiċi, bl-għażla titħalla f'idejn il-manufattur

3.1.1.3. it-tielet parti tikkonsisti minn tmien karattri, l-aħħar erbgħa minnhom huma meħtieġa li jkunu numeriċi u, flimkien maż-żewġ partijiet l-oħra, iridu jagħmluha possibbli li vettura partikolari tkun identifikata b'mod ċar. Kull pożizzjoni mhux użata għandha timtela b'0 biex ikun ottenut in-numru totali ta' karattri meħtieġa;

3.1.2. in-numru tal-identifikazzjoni tal-vettura għandu, kull fejn ikun possibbli, ikun f'rig wieħed. Il-bidu u t-tmiem ta' dan ir-rig għandhom ikunu mmarkati b'simbolu li la jkun numru Għarbi u lanqas ittra kapitali Latina, kif lanqas ma għandu jkun possibbli li wieħed jiżbalja dan il-karattru ma' xi ieħor bħalu.

B'eċċezzjoni u għal raġunijiet tekniċi dan jista' wkoll jieħu żewġ rigi. Iżda, f'dan il-każ ma għandux ikun hemm spazji vojta bejn xi waħda mit-tliet partijiet u l-bidu u t-tmiem ta' kull rig għandhom ikunu mmarkati b'simbolu li la jkun numru Għarbi u lanqas ittra kapitali Latina, kif lanqas ma għandu jkun possibbli li wieħed jiżbalja dan il-karattru ma' xi ieħor bħalu.

L-introduzzjoni tas-simbolu msemmi ġo rig bejn it-tliet partijiet (punt 3.1.1) hija wkoll awtorizzata.

M'għandux ikun hemm spazji bejn il-karattri.

4. KARATTRI

4.1. Ittri Latini u numri Għarab iridu jintużaw għall-markar li hemm provdut fil-punti 2 u 3. Madankollu, l-ittri Latini użati għall-informazzjoni mogħtija fil-punti 2.1.1, 2.1.3 u 3 jridu jkunu ittri kbar.

4.2. Fin-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura:

4.2.1. l-ittri I, O u Q, jew singijiet, asteriski jew sinjali oħra speċifiċi huma projbiti;

4.2.2. ittri u ċifri għandu jkollhom l-għoli minimu li ġej:

4.2.2.1. 4 mm fil-każ ta' karattri li ddaħlu b'mod dirett fuq ix-*chassis* jew *frame* jew xi struttura oħra simili tal-vettura;

4.2.2.2. 3 mm fil-każ ta' karattri mdaħħla fuq il-pjanċa tad-data tal-manufattur.

*Appendiċi 1*

**Eżempju ta' pjanċa tad-data tal-manufattur**

L-eżempju ta' hawn taħt bl-ebda mod ma jaffettwa l-informazzjoni fil-fatt mogħtija fuq il-pjanċi tad-data tal-manufattur, l-anqas id-dimensjonijiet tal-pjanċa nnifisha, iċ-ċifri jew l-ittri. Hija mogħtija biss bħala eżempju.

It-tagħrif addizzjonali msemmi fil-punt 2.3 jista' jiddaħħal hawn taħt jew fuq ġenb wieħed tal-informazzjoni mitluba fir-rettangolu li ġej.

| |
|---|
| STELLA FABBRICA MOTOCICLI |
| e3 5364 |
| 3 G S K L M 3 A C 8 B 1 2 0 0 0 0 |
| 80 dB(A) — 3 750 rev/min |

*Skrizzjon*

Fl-eżempju ta' hawn fuq ta' pjanċa, il-vettura konċernata ġiet magħmula mill-"Fabbrika Muturi Stella" u type-approved fl-Italja (e3), taħt in-numru 5364.

In-numru ta' identifikazzjoni (3GSKLM3AC8B120000) jagħti l-informazzjoni li ġejja:

- l-ewwel parti (3GS):
  - 3: żona ġeografika (Ewropa);
  - G: pajjiż fiż-żona ġeografika (Ġermanja);
  - S: manufattur (Fabbrika Muturi Stella);
- it-tieni parti (KLM3AC):
  - KL: tip ta' vettura;
  - M3: varjant (il-*bodywork* tal-vettura);
  - AC: verżjoni (magna tal-vettura);
- it-tielet parti (8B120000):
  - 8B12: identifikazzjoni tal-vettura u għaqda taż-żewġ partijiet l-oħra tan-numru ta' identifikazzjoni;
  - 0000: pożizzjonijiet mhux użati li ġew mimlija b'0 biex ikun magħmul in-numru totali ta' karattri meħtieġa.

Il-livell ta' ħoss meta wieqaf huwa ta' 80 dB(A) bi 3 750 rev/min.

*Appendiċi 2*

**Dokument ta' informazzjoni dwar markar statutorju għal tip ta' vettura bil-mutur b'żewg roti jew tlieta**

(li għandu jjinhemez mal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-komponent KE meta din tintbgħat separatament mill-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip KE ta' vettura)

Nru tal-ordni (mogħti mill-applikant): ..............................................................................................................................................

L-applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip tal-komponent KE dwar markar statutorju għal tip ta' vettura bir-roti b'żewġ jew tliet roti għandu jkun fiha l-informazzjoni stabbilita taħt il-punti li ġejjin fil-Parti I, Taqsima A tal-Anness II tad-Direttiva 2002/24/KE:

— 0.1,

— 0.2,

— 0.4 sa 0.6,

— 9.3.1 sa 9.3.3.

*Appendiċi 3*

| Isem tal-amministrazzjoni |
|---|

**Ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-komponent KE dwar markar statutorju għal tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew tlieta**

**MUDELL**

Nru tar-rapport ................................................ mis-servizz tekniku ................................................ data ................................................

Nru ta' approvazzjoni tat-tip tal-komponent KE: ................................................ Nru ta' estensjoni: ................................................

1. Marka tad-ditta jew isem tal ................................................................................................................................................................................

2. Tip ta' vettura: ................................................................................................................................................................................

3. L-isem u l-indirizz tal-manifattur: ................................................................................................................................................................................

................................................................................................................................................................................

4. Isem u indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk hemm): ................................................................................................

................................................................................................................................................................................

5. Data meta l-vettura tmur għat-test: ................................................................................................................................................................................

................................................................................................................................................................................

6. Approvazzjoni tat-tip tal-komponent KE mogħtija/miċħuda ([1]):

7. Post: ................................................................................................................................................................................

8. Data: ................................................................................................................................................................................

9. Firma: ................................................................................................................................................................................

([1]) Ħassar kif xieraq.

*ANNESS II*

PARTI A

**Direttiva mħassra flimkien ma' lista tal-emendi suċċessivi tagħha**

(imsemmija fl-Artikolu 5)

| | |
|---|---|
| Direttiva tal-Kunsill 93/34/KEE (ĠU L 188, 29.7.1993, p. 38) | |
| Direttiva tal-Kummissjoni 1999/25/KE (ĠU L 104, 21.4.1999, p. 19) | |
| Direttiva tal-Kummissjoni 2006/27/KE (ĠU L 66, 8.3.2006, p. 7) | L-Artikolu 2 u l-Anness II biss |

PARTI B

**Lista tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni**

(imsemmija fl-Artikolu 5)

| Direttiva | Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni | Data ta' applikazzjoni |
|---|---|---|
| 93/34/KEE | fl-14 ta' Diċembru 1994. | fl-14 ta' Ġunju 1995. |
| 1999/25/KE | fil-31 ta' Diċembru 1999. | fl-1 ta' Jannar 2000 (*) |
| 2006/27/KE | fil-31 ta' Diċembru 2006 (**) | — |

(*) Skond l-Artikolu 2 tad-Direttiva 1999/25/KE:

"1. B'effett mill-1 ta' Jannar 2000, l-Istati Membri ma għandhomx, għal raġunijiet relatati mal-immarkar statutorju:

— jirrifjutaw, fir-rigward ta' tip ta' vettura b'żewġ roti jew tlieta, li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-KE,

— jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-sevizz ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew tlieta,

jekk l-immarkar statutorju jkun konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 93/34/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva.

2. B'effett mill-1 ta' Lulju 2000, l-Istati Membri għandhom jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-KE għal kull tip ta' vettura bil-mutur b'żewġ roti jew tlieta għal raġunijiet relatati mal-immarkar statutorju jekk ir-rekwiżiti tad-Direttiva 93/34/KEE, kif emendata minn din id-Direttiva, ma jkunux issodisfati."

(**) Skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/27/KE:

"1. B'effet mill-1 ta' Jannar 2007, fir-rigward ta' vetturi b'żewġ roti jew bi tlieta, li jikkonformaw mad-dispożiżżjonijiet stabbiliti fid-Direttivi […], 93/34/KEE, […] rispettivament, kif emendati b'din id-Direttiva, l-Istati Membri m'għandhomx, għal raġunijiet relatati mad-Direttiva konċernata, jirrifjutaw mill jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE jew jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz tat-tali vettura.

2. B'effett mill-1 ta' Lulju 2007, l-Istati Membri għandhom jirrifjutaw, għal raġunijiet relatati mad-Direttiva konċernata, milli jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-KE lil kwalunke tip ta' vettura b'żewġ roti jew bi tlieta li ma tikkonformax mad-dispożiżżjonijiet stabbiliti fid-Direttivi […], 93/34/KEE, […] rispettivament, kif emendati b'din id-Direttiva."

*ANNESS III*

**TABELLA TA' KORRELAZZJONI**

| Direttiva 93/34/KEE | Direttiva 2006/27/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|---|
| Artikoli 1, 2 u 3 | | Artikoli 1, 2 u 3 |
| Artikolu 4(1) | | — |
| — | Artikolu 5(1) | Artikolu 4(1) |
| — | Artikolu 5(2) | Artikolu 4(2) |
| Artikolu 4(2) | | Artikolu 4(3) |
| — | | Artikolu 5 |
| — | | Artikolu 6 |
| Artikolu 5 | | Artikolu 7 |
| Anness | | Anness I |
| — | | Anness II |
| — | | Anness III |

II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# IL-KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tas-26 ta' Novembru 2009**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità Ewropea dwar l-innegozjar mill-ġdid tal-Ftehim Monetarju mar-Repubblika ta' San Marino**

(2009/904/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 111(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkommandazzjoni mill-Kummissjoni,

Wara li kkonsulta mal-Bank Ċentrali Ewropew,

Billi:

(1) Mid-data tal-introduzzjoni tal-euro, il-Komunità għandha l-kompetenza fil-kwistjonijiet monetarji u tar-rata tal-kambju.

(2) Il-Kunsill għandu jiddetermina l-arranġamenti għall-innegozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet li jikkonċernaw kwistjonijiet li jirrigwardaw is-sistema monetarja jew tal-kambju barrani.

(3) Ir-Repubblika Taljana, f'isem il-Komunità, ikkonkludiet fid-29 ta' Novembru 2000 Ftehim Monetarju mar-Repubblika ta' San Marino.

(4) Fil-konklużjonijiet tiegħu fl-10 ta' Frar 2009 l-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-funzjonament tal-ftehimiet eżistenti u biex tikkunsidra żidiet possibbli fil-limiti massimi għall-ħruġ ta' muniti.

(5) Il-Kummissjoni kkonkludiet fil-Komunikazzjoni dwar il-funzjonament tal-Ftehimiet Monetarji ma' Monako, San Marino u l-Vatikan li l-Ftehim Monetarju mar-Repubblika ta' San Marino fil-forma preżenti tiegħu jeħtieġ li jiġi emendat bil-ħsieb li jiġi żgurat metodu aktar konsistenti fir-relazzjonijiet bejn il-Komunità u l-pajjiżi li ffirmaw ftehim monetarju.

(6) Il-Ftehim Monetarju mar-Repubblika ta' San Marino għandu għalhekk jiġi nnegozjat mill-ġdid malajr kemm jista' jkun biex is-sistema l-ġdida tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010, flimkien mar-regoli l-ġodda dwar il-modalitajiet tal-introduzzjoni tal-muniti euro stabbiliti mir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar il-linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni ([1]), approvata mill-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu tal-10 Frar 2009,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Ir-Repubblika Taljana għandha tinnotifika lir-Repubblika ta' San Marino bil-ħtieġa li jiġi emendat il-Ftehim Monetarju eżistenti bejn ir-Repubblika Taljana, f'isem il-Komunità Ewropea, u r-Repubblika ta' San Marino (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") fl-iktar data kmieni possibbli u toffri nnegozjar mill-ġdid fuq id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim.

### *Artikolu 2*

Il-Komunità għandha tfittex li twettaq dawn il-bidliet li ġejjin fl-innegozjar mill-ġdid tal-Ftehim mar-Repubblika ta' San Marino:

([1]) ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52.

(a) Il-Ftehim għandu jiġi konkluż bejn il-Komunità u r-Repubblika ta' San Marino. It-test tal-ftehim għandu jkun test kodifikat tal-ftehim attwali flimkien mal-emendi.

(b) Ir-Repubblika ta' San Marino għandha tintrabat li tadotta l-miżuri kollha adatti, permezz ta' traspożizzjonijiet diretti jew possibbilment permezz ta' azzjonijiet ekwivalenti:

— għall-applikazzjoni ta' kull leġislazzjoni Komunitarja bankarja jew finanzjarja, f'leġislazzjoni partikolari dwar l-attività u s-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ikkonċernati,

— għall-applikazzjoni tal-leġislazzjoni Komunitarja kollha rilevanti dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus, dwar il-prevenzjoni ta' frodi u falsifikazzjoni ta' flus kontanti u mezzi ta' pagamenti bi flus mhux kontanti, dwar midalji u tokens u dwar ir-rekwiżiti għall-irappurtar tal-istatistika.

Ir-Repubblika ta' San Marino għandha tiżgura li l-leġislazzjoni Komunitarja rilevanti kollha bankarja u finanzjarja tiġi implimentata fit-territorju tagħha qabel l-1 Jannar 2015. Il-Ftehim għandu jkun fih anness li jispjega l-iskadenzi għall-adozzjoni ta' tali miżuri.

(c) Il-metodu għad-determinazzjoni tal-limitu massimu ta' ħruġ ta' muniti euro ta' San Marino għandu jiġi rivedut. Il-limitu massimu l-ġdid għandu jkun ikkalkulat bl-użu ta' metodu li jgħaqqad parti fissa mmirata biex tevita l-ispekulazzjoni numismatika eċċessiva fuq il-muniti ta' San Marino billi tissodisfa d-domanda tas-suq tal-kolletturi tal-muniti u parti varjabbli, ikkalkulata bħala l-ħruġ medju per capita ta' muniti tar-Repubblika tal-Italja fis-sena n-1 immultiplikat bin-numru ta' abitanti tar-Repubblika ta' San Marino.

(d) Għandu jkun stabbilit Kumitat Konġunt sabiex jissorvelja l-progress fl-implimentazzjoni tal-Ftehim. Dan għandu jkun kompost minn rappreżentanti tar-Repubblika ta' San Marino, ir-Repubblika tal-Italja, il-Kummissjoni u l-BĊE. Dan għandu jkollu l-possibbiltà li jirrevedi kull sena l-parti fissa bil-għan li jieħu f'konsiderazzjoni l-inflazzjoni u l-evoluzzjoni tas-suq tal-kolletturi. Dan għandu jadotta d-deċiżjonijiet b'mod unanimu. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

(e) Il-muniti euro tar-Repubblika ta' San Marino għandhom ikunu inċiżi mill-Instituto Poligrafico e Zecca dello Stato. Ir-Repubblika ta' San Marino għandha madankollu jkollha l-possibbiltà li ssejjaħ kuntrattur ieħor fost iz-Żekkek tal-muniti tal-euro fl-Unjoni Ewropea, bi ftehim mal-Kumitat Konġunt. Il-volum ta' muniti maħruġa mir-Repubblika ta' San Marino għandu jiġi miżjud mal-volum tal-muniti maħruġa mir-Repubblika tal-Italja għall-iskop tal-approvazzjoni mill-BĊE tal-volum totali tal-ħruġ.

(f) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għandha tiġi eletta bħala l-korp inkarigat mis-soluzzjoni tat-tilwim li jista' jinqala' mill-applikazzjoni tal-Ftehim.

Jekk il-Komunità jew ir-Repubblika ta' San Marino jikkunsidraw li l-Parti l-oħra ma tkunx issodisfat xi obbligu skont il-Ftehim Monetarju, din tista' tressaq il-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għandha tkun torbot lill-Partijiet, li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ruħhom mas-sentenza f'perijodu ta' żmien li għandu jiġi deċiż mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha. Fil-każ li l-Komunità jew ir-Repubblika ta' San Marino jonqsu milli jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ruħhom mas-sentenza tul il-perijodu, il-Parti l-oħra tista' ttemm minnufih il-Ftehim.

*Artikolu 3*

In-negozjati mar-Repubblika ta' San Marino għandhom ikunu mmexxija mir-Repubblika Taljana u mill-Kummissjoni f'isem il-Komunità. Ir-Repubblika Taljana u l-Kummissjoni għandhom is-setgħa li jinizjalaw il-Ftehim f'isem il-Komunità. Il-BĊE għandu jkun assoċjat bis-sħiħ man-negozjati u l-qbil tiegħu għandu jkun meħtieġ dwar kwistjonijiet li jaqgħu fil-qasam ta' kompetenza tiegħu. Ir-Repubblika Taljana u l-Kummissjoni għandhom jissottomettu l-abbozz tal-Ftehim lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) għall-opinjoni.

*Artikolu 4*

Mal-inizjalar tal-Ftehim, il-Kummissjoni għandha tkun intitolata li tikkonkludi l-Ftehim f'isem il-Komunità, sakemm il-KEF jew il-BĊE ma jkunx tal-fehma li l-ftehim għandu jiġi sottomess lill-Kunsill.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana, lill-Kummissjoni u lill-BĊE.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BJÖRKLUND

III

*(Atti adottati skont it-Trattat tal-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU VI TAT-TRATTAT TAL-UE

## DEĊIŻJONI QAFAS TAL-KUNSILL 2009/905/ĠAI

**tat-30 ta' Novembru 2009**

**dwar l-Akkreditament tal-fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1)(a) u (c) u l-Artikolu 34(2)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-inizjattiva tar-Renju tal-Isvezja u r-Renju ta' Spanja ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea stabbiliet l-objettiv tagħha li żżomm u tiżviluppa l-Unjoni bħala spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja; għandu jiġi pprovdut livell għoli ta' sigurtà permezz ta' azzjoni komuni fost l-Istati Membri fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali.

(2) Dak l-objettiv għandu jinkiseb bil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità permezz ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri, waqt li jiġu rispettati l-prinċipji u r-regoli relatati mad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt li fuqhom l-Unjoni hi mibnija u li huma komuni għall-Istati Membri.

(3) L-iskambju ta' informazzjoni u intelligence dwar il-kriminalità u l-attivitajiet kriminali huwa kruċjali sabiex l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkollhom il-possibbiltà li jipprevjenu, jikxfu u jinvestigaw b'suċċess il-kriminalità jew l-attivitajiet kriminali. Azzjoni komuni fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija skont l-Artikolu 30(1)(a) tat-Trattat timplika l-ħtieġa li tiġi pproċessata informazzjoni rilevanti li għandha tkun suġġetta għal dispożizzjonijiet adatti dwar il-protezzjoni ta' data personali.

(4) L-iskambju intensifikat ta' informazzjoni rigward l-evidenza forensika u l-użu akbar ta' evidenza minn Stat Membru wieħed fil-proċessi ġudizzjarji ta' ieħor, jenfasizza il-ħtieġa li jiġu stabbiliti standards komuni għall-fornituri ta' servizzi forensiċi.

(5) L-informazzjoni li toriġina minn proċessi forensiċi fi Stat Membru wieħed tista' attwalment tkun assoċjata ma' livell ta' inċertezza fi Stat Membru ieħor fir-rigward tal-mod ta' kif element ikun ġie ttrattat, x'metodi ntużaw u kif ir-riżultati ġew interpretati.

(6) Fil-punt 3.4 (h) tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni li jimplimenta l-Programm ta' The Hague dwar it-tisħiħ tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea ([3]), l-Istati Membri enfasizzaw il-ħtieġa għal definizzjoni tal-istandards ta' kwalità tal-laboratorji forensiċi sl-2008.

(7) Huwa partikolarment importanti li jiġu introdotti standards komuni għall-fornituri ta' servizzi forensiċi relatati ma' data personali sensittiva bħal profili tad-DNA u data dattiloskopika.

(8) Skont l-Artikolu 7(4) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali ([4]), l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiggarantixxu l-integrità tal-profili tad-DNA li jkunu saru disponibbli jew intbagħtu biex jitqabblu lil Stati Membri oħrajn u sabiex jiżguraw li dawn il-miżuri jikkonformaw mal-istandards internazzjonali, bħall-EN ISO/IEC 17025 "Rekwiżiti ġenerali għall-kompetenza ta' laboratorji tal-ittestjar u l-ikkalibrar" (minn hawn 'il quddiem "EN ISO/IEC 17025").

([1]) ĠU C 174, 28.7.2009, p. 7.

([3]) ĠU C 198, 12.8.2005, p. 1.

([4]) ĠU L 210, 6.8.2008, p. 12.

(9) Il-profili tad-DNA u d-data dattiloskopika ma jintużawx biss fi proċedimenti kriminali, iżda huma wkoll kruċjali għall-identifikazzjoni tal-vittmi, b'mod partikolari wara diżastri.

(10) L-akkreditament tal-fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji huwa pass importanti lejn skambju aktar sikur u effettiv ta' informazzjoni forensika fi ħdan l-Unjoni.

(11) L-akkreditament jingħata mill-korp nazzjonali ta' akkreditament li jkollu l-kompetenza esklużiva biex jivvaluta jekk laboratorju jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti minn standards armonizzati. Korp ta' akkreditament jikseb l-awtorità tiegħu mill-Istat. Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti ([1]) fih dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-kompetenza ta' tali korpi nazzjonali ta' akkreditament. Fost l-oħrajn, l-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament jirregola l-akkreditament transkonfinali f'każijiet fejn l-akkreditament jista' jintalab minn korp nazzjonali ta' akkreditament ieħor.

(12) In-nuqqas ta' ftehim għall-applikazzjoni ta' standard komuni ta' akkreditament għall-analiżi ta' evidenza xjentifika huwa nuqqas li għandu jiġi rimedjat; huwa, għalhekk, meħtieġ li jiġi adottat strument legalment vinkolanti dwar l-akkreditament tal-fornituri kollha ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji. L-akkreditament joffri l-garanziji meħtieġa li l-attivitajiet tal-laboratorji jitwettqu skont l-istandards internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari l-EN ISO/IEC 17025, kif ukoll linji gwida applikabbli u rilevanti.

(13) Standard ta' akkreditament jippermetti li kwalunkwe Stat Membru jitlob, jekk ikun jixtieq, standards komplimentarji f'attivitajiet tal-laboratorji fil-ġurisdizzjoni nazzjonali tiegħu.

(14) L-akkreditament jgħin biex tiġi stabbilita fiduċja reċiproka fil-validità tal-metodi analitiċi bażiċi użati. Madankollu, l-akkreditament ma jindikax liema metodu għandu jintuża, iżda biss li l-metodu użat għandu jkun adatt għall-iskop tiegħu.

(15) Kwalunkwe miżura meħuda barra laboratorju ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas. Pereżempju, it-teħid ta' data dattiloskopika jew miżuri li jittieħdu fuq il-post tal-inċident, il-post tar-reat jew analiżijiet forensiċi mwettqa barra mil-laboratorji mhumiex inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

(16) Din id-Deċiżjoni Qafas m'għandhiex l-għan li tarmonizza r-regoli nazzjonali fir-rigward tal-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza forensika.

(17) Din id-Deċiżjoni ma taffettwax il-validità, stabbilita skont ir-regoli nazzjonali applikabbli, tar-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin qabel l-implimentazzjoni tagħha, anki jekk il-fornitur ta' servizzi forensiċi ma kienx akkreditat li jikkonforma mal-EN ISO/IEC 17025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI QAFAS:

*Artikolu 1*

**Għan**

1. L-għan ta' din id-Deċiżjoni Qafas huwa li jiġi żgurat li r-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servizzi forensiċi akkreditati fi Stat Membru wieħed jiġu rikonoxxuti mill-awtoritajiet responsabbli għall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali bħala ugwalment affidabbli daqs ir-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servizzi forensiċi akkreditati għall-EN ISO/IEC 17025 fi ħdan kwalunkwe Stat Membru ieħor.

2. Dan l-għan jinkiseb billi jiġi żgurat li l-fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji jiġu akkreditati minn korp ta' akkreditament nazzjonali bħala li jikkonformaw mal-EN ISO/IEC 17025.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni Qafas għandha tapplika għall-attivitajiet tal-laboratorji li jirriżultaw fi:

(a) profil tad-DNA; u

(b) data dattiloskopika.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas:

(a) "attività tal-laboratorji" tfisser kwalunkwe miżura li tittieħed f'laboratorju meta traċċi fuq oġġetti jkunu qed jiġu lokalizzati u rkuprati, kif ukoll meta tiġi żviluppata, analizzata u interpretata evidenza forensika, bil-ħsieb li jingħataw opinjonijiet esperti jew li tiġi skambjata evidenza forensika;

(b) "riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji" tfisser kwalunkwe riżultat analitiku u interpretazzjoni direttament assoċjata;

(c) "fornitur ta' servizzi forensiċi" tfisser kwalunkwe organizzazzjoni, pubblika jew privata, li twettaq attivitajiet forensiċi fil-laboratorju fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi jew dawk ġudizzjarji;

([1]) ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30.

(d) “korp ta’ akkreditament nazzjonali” tfisser l-uniku korp fi Stat Membru li jwettaq akkreditament b’awtorità derivata mill-Istat kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 765/2008;

(e) “profil tad-DNA” tfisser kodiċi b’ittri jew b’ċifri li jirrappreżenta sett ta’ karatteristiċi ta’ identifikazzjoni tal-parti non-kodifikanti ta’ kampjun analizzat ta’ DNA uman, jiġifieri l-istruttura molekulari partikolari fid-diversi pożizzjonijiet (loci) tad-DNA;

(f) “data dattiloskopika” tfisser immaġini ta’ marki tas-swaba’, immaġini ta’ marki tas-swaba’ moħbijin, marki tal-pala tal-id, marki tal-pala tal-id moħbijin u mudelli ta’ tali immaġni (dettalji żgħar kodifikati).

*Artikolu 4*

**Akkreditament**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tagħhom ta’ servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji jiġu akkreditati minn korp ta’ akkreditament nazzjonali bħala li jikkonformaw mal-EN ISO/IEC 17025.

*Artikolu 5*

**Rikonoxximent tar-riżultati**

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li r-riżultati tal-fornituri akkreditati ta’ servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji fi Stati Membri oħrajn jiġu rikonoxxuti mill-awtoritajiet tiegħu responsabbli għall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta’ reati kriminali bħala ugwalment affidabli daqs ir-riżultati tal-fornituri domestiċi ta’ servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji akkreditati għall-EN ISO/IEC 17025.

2. Din id-Deċiżjoni Qafas ma taffettwax ir-regoli nazzjonali dwar il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza.

*Artikolu 6*

**Spejjeż**

1. Kull Stat Membru għandu jħallas kwalunkwe spiża pubblika li tirriżulta minn din id-Deċiżjoni Qafas f’konformità mal-arranġamenti nazzjonali.

2. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-mezzi biex jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għal proġetti nazzjonali u transnazzjonali maħsubin biex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta’ din id-Deċiżjoni Qafas, fost l-oħrajn għall-iskambju ta’ esperjenza, id-disseminazzjoni ta’ kompetenzi u l-ittestjar tal-profiċjenza.

*Artikolu 7*

**Implimentazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta’ din id-Deċiżjoni Qafas fir-rigward tal-profili tad-DNA sat-30 ta’ Novembru 2013.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta’ din id-Deċiżjoni Qafas fir-rigward tad-data dattiloskopika sat-30 ta’ Novembru 2015.

3. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet li jittrasponu fil-liġijiet nazzjonali tagħhom l-obbligi imposti fuqhom skont din id-Deċiżjoni Qafas sa mhux aktar tard mit-30 ta’ Mejju 2016.

4. Abbażi tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 u ta’ informazzjoni oħra pprovduta mill-Istati Membri fuq talba, il-Kummissjoni għandha, qabel l-1 ta’ Lulju 2018, tippreżenta rapport lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni ta’ din id-Deċiżjoni Qafas.

5. Il-Kunsill għandu, sa tmiem l-2018, jivvaluta safejn l-Istati Membri jkunu kkonformaw ma’ din id-Deċiżjoni Qafas.

*Artikolu 8*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni Qafas għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta’ Novembru 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. ASK

V

*(Atti adottati mill-1 ta' Diċembru 2009 taħt it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat Euratom)*

# ATTI LI L-PUBBLIKAZZJONI TAGĦHOM HIJA OBBLIGATORJA

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1198/2009

## tat-8 ta' Diċembru 2009

## li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (1),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex (2), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-9 ta' Diċembru 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

(1) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
(2) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AL | 29,4 |
| | MA | 43,4 |
| | TN | 81,6 |
| | TR | 64,5 |
| | ZZ | 54,7 |
| 0707 00 05 | MA | 52,9 |
| | TR | 78,4 |
| | ZZ | 65,7 |
| 0709 90 70 | MA | 43,6 |
| | TR | 118,8 |
| | ZZ | 81,2 |
| 0805 10 20 | AR | 70,4 |
| | MA | 53,2 |
| | TR | 52,2 |
| | ZA | 60,0 |
| | ZZ | 59,0 |
| 0805 20 10 | MA | 66,7 |
| | ZZ | 66,7 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | CN | 132,8 |
| | HR | 55,1 |
| | IL | 68,7 |
| | TR | 77,7 |
| | ZZ | 83,6 |
| 0805 50 10 | TR | 69,5 |
| | ZZ | 69,5 |
| 0808 10 80 | AU | 161,8 |
| | CA | 65,1 |
| | CN | 77,8 |
| | MK | 24,5 |
| | US | 92,3 |
| | ZA | 106,2 |
| | ZZ | 88,0 |
| 0808 20 50 | CN | 69,2 |
| | US | 223,0 |
| | ZZ | 146,1 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1199/2009

## tat-8 ta' Diċembru 2009

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1159/2009 li jiffissa d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali mill-1 ta' Diċembru 2009

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/96 tat-28 ta' Ġunju 1996 dwar regoli ta' applikazzjoni (dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali) għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali li huma applikabbli mill-1 ta' Diċembru 2009 ġew iffissati bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1159/2009 ([3]).

(2) Ġaladarba l-medja kkalkulata tad-dazji tal-importazzjoni varjat b'EUR 5/t mid-dazju ffissat, jeħtieġ li jsir aġġustament korrispondenti tad-dazji tal-importazzjoni ffissati bir-Regolament (KE) Nru 1159/2009.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1159/2009 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi I u II għar-Regolament (KE) Nru 1159/2009 huma mibdula bit-test li jidher fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Għandu japplika mid-9 ta' Diċembru 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 161, 29.6.1996, p. 125.
([3]) ĠU L 314, 1.12.2009, p. 3.

*ANNESS I*

**Dazji tal-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 applikabbli mid-9 ta' Diċembru 2009**

| Kodiċi NK | Isem tal-merkanziji | Dazju tal-importazzjoni [1] (EUR/t) |
|---|---|---|
| 1001 10 00 | QAMĦ iebes ta' kwalità għolja | 0,00 |
| | ta' kwalità medja | 0,00 |
| | ta' kwalità baxxa | 8,78 |
| 1001 90 91 | QAMĦ għaż-żrigħ | 0,00 |
| ex 1001 90 99 | QAMĦ komuni ta' kwalità għolja, minbarra dak li hu taż-żrigħ | 0,00 |
| 1002 00 00 | SEGALA | 37,85 |
| 1005 10 90 | QAMĦIRRUM għaż-żrigħ minbarra dak ibridu | 17,53 |
| 1005 90 00 | QAMĦIRRUM minbarra dak taż-żrigħ [2] | 17,53 |
| 1007 00 90 | SORGU f'żerriegħa minbarra dik ibrida taż-żrigħ | 37,85 |

[1] Għall-prodotti li jaslu fil-Komunità mill-Oċean Atlantiku jew mill-Kanal ta' Suez (l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96) l-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis ta' dazju ta':

— EUR 3 kull tunnellata, jekk il-port fejn jsir il-ħatt jinsab fil-baħar Mediterran, jew ta'

— EUR 2 kull tunnellata, jekk il-port fejn isir il-ħatt jinsab fl-Irlanda, fir-Renju Unit, fid-Danimarka, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja, fl-Iżvezja jew fuq il-kosta Atlantika tal-Peniżola Iberika.

[2] L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 kull tunnellata jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96 huma sodisfatti.

*ANNESS II*

**Fatturi għall-kalkolu tad-dazji fl-Anness I**

30.11.2009-7.12.2009

(1) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

*(EUR/t)*

| | Qamħ ([1]) | Qamħirrum | Qamħ iebes kwalità għolja | Qamħ iebes, kwalità medja ([2]) | Qamħ iebes kwalità baxxa ([3]) | Xgħir |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Borża | Minnéapolis | Chicago | — | — | — | — |
| Kwotazzjoni | 152,42 | 103,68 | — | — | — | — |
| Prezz *FOB* USA | — | — | 131,77 | 121,77 | 101,77 | 75,75 |
| Tariffa fuq il-Golf | — | 14,49 | — | — | — | — |
| Tariffa fuq l-Ghadajjar il-Kbar | 13,89 | — | — | — | — | — |

([1]) Tariffa pożittiva ta' EUR 14/t inkorporata [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].
([2]) Tariffa negattiva ta' EUR 10/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].
([3]) Tariffa negattiva ta' EUR 30/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].

(2) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

| | |
|---|---|
| Merkanzija/Spejjeż Il-Golf tal-Messiku–Rotterdam | 22,85 EUR/t |
| Merkanzija/Spejjeż L-Għadajjar il-Kbar–Rotterdam: | 46,48 EUR/t |

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2009/906/PESK

## tat-8 ta' Diċembru 2009

## dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnja u Ħerzegovina (BiH)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 28 u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fid-19 ta' Novembru 2007, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2002/749/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnja u Ħerzegovina (BiH) ([1]). Dik l-Azzjoni Konġunta tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2009.

(2) L-istruttura ta' kmand u kontroll tal-EUPM għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet kuntrattwali tal-Kap tal-Missjoni lejn il-Kummissjoni Ewropea għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-EUPM.

(3) Il-Kapaċità tal-Għassa għandha tiġi attivata għall-EUPM.

(4) L-EUPM ser titwettaq fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' tagħmel ħsara lill-objettivi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Missjoni**

1. Il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnja-Herzegovina (BiH), stabbilita bl-Azzjoni Konġunta 2002/210/PESK ([2]), għandha titkompla mill-1 ta' Jannar 2010.

2. L-EUPM għandha topera konformement mal-mandat tal-missjoni stabbilit fl-Artikolu 2 u għandha twettaq il-kompiti ewlenin stabbiliti fl-Artikolu 3.

*Artikolu 2*

**Mandat tal-missjoni**

Bħala parti mill-approċċ usa' għall-istat tad-dritt fil-BiH u fir-reġjun, l-EUPM, filwaqt li żżomm kapaċitajiet residwali fl-oqsma tar-riforma tal-pulizija u r-responsabbiltà, għandha primarjament tappoġġa lill-Aġenziji rilevanti għall-Infurzar tal-Liġi fil-BiH fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni, notament billi tiffoka fuq l-Aġenziji għall-Infurzar tal-Liġi fil-livell Statali, fuq it-tisħiħ tal-interazzjoni bejn il-pulizija u l-prosekuturi u fuq il-koperazzjoni reġjonali u internazzjonali.

L-EUPM għandha tagħti pariri fil-kuntest operattiv lir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) biex tappoġġah fir-rwol tiegħu. Permezz tal-ħidma tagħha u n-netwerk tagħha fil-pajjiż, l-EUPM għandha tikkontribwixxi għall-isforzi ġenerali biex jiġi żgurat li l-UE tkun kompletament informata dwar l-iżviluppi fil-BiH.

L-EUPM għandha topera konformement mal-objettivi ġenerali tal-Anness 11 tal-Ftehim Kwadru Ġenerali għall-Paċi fil-Bosnja u Ħerzegovina u l-objettiv tagħha għandu jkun appoġġat mill-istrumenti tal-Komunità Ewropea.

*Artikolu 3*

**Kompiti ewlenin tal-missjoni**

Bil-għan li titwettaq il-Missjoni, il-kompiti ewlenin tal-EUPM għandhom ikunu:

1) it-tisħiħ tal-kapaċità operattiva u l-kapaċità konġunta tal-Aġenziji għall-Infurzar tal-Liġi impenjati fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni;

2) l-assistenza u l-appoġġ fl-ippjanar u t-twettiq ta' investigazzjonijiet fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni b'mod sistematiku;

3) l-assistenza u l-promozzjoni tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-BiH ta' investigazzjoni kriminali;

4) it-tisħiħ tal-koperazzjoni bejn il-pulizija u l-prosekuturi;

5) it-tisħiħ tal-koperazzjoni bejn il-pulizija u s-sistema penitenzjarja;

6) kontribuzzjoni biex jiġi żgurat livell xieraq ta' responsabbiltà.

*Artikolu 4*

**Struttura tal-Missjoni**

1. L-EUPM għandha tkun strutturata kif ġej:

(a) kwartieri ġenerali prinċipali f'Sarajevo, magħmulin mill-Kap tal-Missjoni u l-persunal kif definit fil-Pjan Operattiv (OPLAN);

(b) erbgħa Uffiċċji Reġjonali f'Sarajevo, Banja Luka, Mostar u Tuzla;

([1]) ĠU L 303, 21.11.2007, p. 40.
([2]) ĠU L 70, 13.3.2002, p. 1.

(c) ko-lokazzjonijiet fi ħdan l-Aġenziji għall-Infurzar tal-Liġi impenjati fil-glieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni fil-livell superjuri ta' amministrazzjoni u f'livelli kruċjali oħra kif ikkunsidrat meħtieġ (Aġenzija tal-Istat għall-Investigazzjoni u l-Protezzjoni, Pulizija tal-Fruntieri, Awtorità tat-Tassazzjoni Indiretta, Direttorat għall-Koordinazzjoni tal-Pulizija, Uffiċċju tal-Prosekutur tal-Istat, eċċ…).

2. Dawn l-elementi għandhom ikunu suġġetti għal iżjed arranġamenti dettaljati fl-OPLAN. Il-Kunsill għandu japprova l-Kunċett tal-Operazzjonijiet (CONOPS) u l-OPLAN.

*Artikolu 5*

**Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili**

1. Id-Direttur tal-Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija (CPCC) għandu jkun il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għall-EUPM.

2. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili, taħt il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) u l-awtorità ġenerali tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ), għandu jeżerċita l-kmand u l-kontroll tal-EUPM fil-livell strateġiku.

3. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għandu jiżgura implimentazzjoni korretta u effikaċi tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill kif ukoll tad-deċiżjonijiet tal-KPS, anke bil-ħruġ ta' istruzzjonijiet fil-livell strateġiku kif meħtieġ lill-Kap tal-Missjoni u billi jagħtih pariri u appoġġ tekniku.

4. Il-persunal kollu sekondat għandu jibqa' taħt il-kmand sħiħ tal-awtoritajiet nazzjonali tal-Istat mittenti jew tal-istituzzjoni tal-UE kkonċernata. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jittrasferixxu l-Kontroll Operattiv (OPCON) tal-persunal, gruppi u unitajiet tagħhom lill-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili.

5. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għandu r-responsabbiltà ġenerali sabiex jiżgura li d-dmir ta' diliġenza tal-UE jiġi attwat korrettament.

6. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili u r-RSUE għandhom jikkonsultaw lil xulxin kif meħtieġ.

*Artikolu 6*

**Kap tal-Missjoni**

1. Il-Kap tal-Missjoni għandu jieħu r-responsabbiltà u jeżerċita kmand u kontroll tal-EUPM fil-livell operattiv fuq il-post.

2. Il-Kap tal-Missjoni għandu jeżerċita kmand u kontroll fuq il-persunal, gruppi u unitajiet minn Stati kontribwenti kif allokati mill-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili flimkien mar-responsabbiltà amministrattiva u loġistika inkluża dik mill-assi, mir-riżorsi u mill-informazzjoni mqiegħdin għad-dispożizzjoni tal-EUPM.

3. Il-Kap tal-Missjoni għandu joħroġ istruzzjonijiet lill-persunal kollu tal-EUPM għat-twettiq effikaċi tal-EUPM fil-post, jassumi l-koordinazzjoni u l-amministrazzjoni ta' kuljum tagħha, u jsegwi l-istruzzjonijiet fil-livell strateġiku tal-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili.

4. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-EUPM. Għal dan l-għan, il-Kap tal-Missjoni għandu jiffirma kuntratt mal-Kummissjoni Ewropea.

5. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbli għall-kontroll dixxiplinari fuq il-persunal. Għall-persunal sekondat, l-azzjoni dixxiplinarja għandha tiġi eżerċitata mill-awtorità nazzjonali, jew tal-UE, konċernata.

6. Il-Kap tal-Missjoni għandu jirrappreżenta lill-EUPM fiż-żona tal-operazzjonijiet u għandu jiżgura l-viżibbiltà adegwata tagħha.

7. Il-Kap tal-Missjoni għandu jikkoordina, adegwatament, ma' atturi oħrajn tal-UE fuq il-post. Mingħajr preġudizzju għal-linja ta' kmand, il-Kap tal-Missjoni għandu jirċievi gwida politika lokali mir-RSUE.

*Artikolu 7*

**Persunal tal-EUPM**

1. In-numri u l-kompetenza tal-persunal tal-EUPM għandhom ikunu konsistenti mal-mandat tal-missjoni espost fl-Artikolu 2, il-kompiti ewlenin tal-missjoni esposti fl-Artikolu 3 u l-istruttura esposta fl-Artikolu 4.

2. L-EUPM għandha tikkonsisti primarjament f'persunal sekondat mill-Istati Membri jew mill-istituzzjonijiet tal-UE. Kull Stat Membru jew istituzzjoni tal-UE għandu jerfa' l-ispejjeż ta' kwalunkwe persunal sekondat minnu, inklużi l-ispejjeż tal-ivvjaġġar lejn u mill-post tal-iskjerament, is-salarji, il-kopertura medika u l-allowances, minbarra allowances tal-ġurnata applikabbli kif ukoll allowances għat-tbatija u għar-riskju.

3. L-EUPM tista' tirrekluta persunal ċivili internazzjonali u persunal lokali, skont kif ikun meħtieġ, fuq bażi kuntrattwali, jekk il-funzjonijiet meħtieġa ma jkunux provduti minn persunal sekondat mill-Istati Membri. Eċċezzjonalment, u f'każijiet debitament ġustifikati fejn ma jkun hemm disponibbli l-ebda applikazzjoni kwalifikata mill-Istati Membri, jistgħu jiġu reklutati fuq bażi kuntrattwali, skont kif ikun meħtieġ, ċittadini minn Stati terzi parteċipanti.

4. Il-persunal kollu għandu jirrispetta l-istandards operattivi minimi ta' sigurtà speċifiċi għall-missjoni u l-pjan ta' sigurtà tal-Missjoni li jappoġġaw il-politika tal-UE ta' sigurtà fuq il-post. Fir-rigward tal-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE li l-persunal ikun fdat biha waqt li jwettaq dmirijietu, il-persunal għandu jirrispetta l-prinċipji tas-sigurtà u l-istandards minimi stabbiliti mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/264/KE tad-19 ta' Marzu 2001 li tadotta r-regolamenti tal-Kunsill rigward is-sigurtà ([1]) (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolamenti ta' Sigurtà tal-Kunsill").

([1]) ĠU L 101, 11.4.2001, p. 1.

*Artikolu 8*

**Status tal-Missjoni u tal-persunal tal-EUPM**

1. L-arranġamenti meħtieġa għandhom isiru fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim bejn l-UE u l-BiH tal-4 ta' Ottubru 2002 dwar l-attivitajiet tal-EUPM fil-BiH matul l-EUPM.

2. L-Istat jew l-istituzzjoni tal-UE li jkunu ssekondaw membru tal-persunal għandhom ikunu responsabbli sabiex iwieġbu għal kwalunkwe pretensjoni marbuta mas-sekondar, minn jew dwar il-membru tal-persunal. L-Istat jew l-istituzzjoni tal-UE in kwistjoni għandhom ikunu responsabbli għall-bidu ta' kwalunkwe azzjoni kontra l-persuna sekondata.

3. Il-kondizzjonijiet tal-impjieg u d-drittijiet u l-obbligi tal-persunal ċivili internazzjonali u lokali għandhom jiġu stabbiliti fil-kuntratti bejn il-Kap tal-Missjoni u l-membru tal-persunal.

*Artikolu 9*

**Linja ta' kmand**

1. L-EUPM għandha jkollha linja ta' kmand unifikata bħala operazzjoni ta' maniġġar ta' kriżi.

2. Taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill, il-KPS għandu jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-EUPM.

3. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili, taħt il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-KPS u l-awtorità ġenerali tar-RGħ, għandu jkun il-kmandant tal-EUPM fil-livell strateġiku u, bħala tali, għandu joħroġ istruzzjonijiet lill-Kap tal-Missjoni u jipprovdilu konsulenza u appoġġ tekniku.

4. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għandu jirrapporta lill-Kunsill permezz tar-RGħ.

5. Il-Kap tal-Missjoni għandu jeżerċita kmand u kontroll tal-EUPM fil-livell operattiv fuq il-post u għandu jkun direttament responsabbli lejn il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili.

*Artikolu 10*

**Kontroll politiku u direzzjoni strateġika**

1. Il-KPS għandu jeżerċita, taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill, il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-EUPM. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-KPS sabiex jieħu d-deċiżjonijiet relevanti konformement mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat. Din l-awtorizzazzjoni għandha tinkludi s-setgħat sabiex jinħatar Kap tat-TPUE, fuq proposta mir-RGħ, u sabiex jiġu emendati il-CONOPS u l-OPLAN. Is-setgħat deċiżjonali fir-rigward tal-objettivi u t-terminazzjoni tal-EUPM għandhom jibqgħu f'idejn il-Kunsill.

2. Il-KPS għandu jirrapporta lill-Kunsill f'intervalli regolari.

3. Il-KPS għandu jirċievi, fuq bażi regolari u kif meħtieġ, rapporti mill-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili u mill-Kap tal-Missjoni dwar kwistjonijiet fl-oqsma tar-responsabbiltà tagħhom.

*Artikolu 11*

**Parteċipazzjoni ta' Stati terzi**

1. Mingħajr preġudizzju għall-awtonomija deċiżjonali tal-Unjoni u l-qafas istituzzjonali uniku tagħha, jistgħu jiġu mistiedna Stati terzi sabiex jikkontribwixxu għall-EUPM, sakemm dawn jerfgħu l-ispejjeż tal-persunal sekondat minnhom, inklużi s-salarji, l-assigurazzjoni li tkopri r-riskji kollha, l-allowances ta' sussistenza ta' kuljum u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar lejn u mill-BiH, u sakemm dawn jikkontribwixxu għall-ispejjeż operattivi tal-EUPM, kif meħtieġ.

2. L-Istati terzi li jikkontribwixxu għall-EUPM għandu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi f'termini ta' ġestjoni ta' kuljum tal-EUPM daqs l-Istati Membri tal-UE.

3. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-KPS sabiex jieħu d-deċiżjonijiet relevanti dwar l-aċċettazzjoni tal-kontributi proposti u sabiex jistabbilixxi Kumitat ta' Kontributuri.

4. L-arranġamenti dettaljati dwar il-parteċipazzjoni ta' Stati terzi għandhom ikunu koperti minn strumenti ta' ftehim konklużi konformement mal-Artikolu 37 tat-Trattat. Ir-RGħ jista' jinnegozja tali ftehim. Fejn l-UE u Stat terz jikkonkludu ftehim li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni ta' dak l-Istat terz f'operazzjonijiet tal-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet, id-dispożizzjonijiet ta' dak il-ftehim għandhom japplikaw fil-kuntest tal-Missjoni.

*Artikolu 12*

**Arranġamenti finanzjarji**

1. L-ammont finanzjarju ta' referenza għas-sena 2010 biex tiġi koperta n-nefqa relatata mal-EUPM għandu jkun ta' 14 100 000.

2. In-nefqa kollha għandha tiġi amministrata konformement mar-regoli Komunitarji u mal-proċeduri applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, il-Kap tal-Missjoni jista' jikkonkludi arranġamenti tekniċi ma' Stati Membri tal-UE, ma' Stati terzi parteċipanti, u ma' atturi internazzjonali oħrajn fir-rigward tal-provvista ta' tagħmir, servizzi u siti lill-EUPM. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbli mill-amministrazzjoni ta' maħżen li fih jinħażen tagħmir użat li jkun jista' wkoll jintuża biex jirrispondi għal ħtiġijiet urġenti fi skjeramenti taħt il-PESD. Iċ-ċittadini ta' Stati terzi parteċipanti u ċ-ċittadini ta' pajjiżi ospitanti għandhom ikunu permessi li jressqu offerti għall-kuntratti.

3. Il-Kap tal-Missjoni għandu jirrapporta b'mod sħiħ lill-Kummissjoni, u jkun sorveljat minnha, rigward l-attivitajiet imwettqin fil-qafas tal-kuntratt tiegħu.

4. L-arranġamenti finanzjarji għandhom josservaw ir-rekwiżiti operattivi tal-EUPM, inkluża l-kompatibbiltà tat-tagħmir u l-interoperabbiltà tal-gruppi tagħha.

5. In-nefqa relatata mal-EUPM għandha tkun eliġibbli mill-1 ta' Jannar 2010.

*Artikolu 13*

**Sigurtà**

1. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għandu jidderieġi l-ippjanar tal-miżuri tas-sigurtà tal-Kap tal-Missjoni u jiżgura l-implimentazzjoni korretta u effikaċi tagħhom għall-EUPM konformement mal-Artikoli 5 u 9, f'koordinazzjoni mal-Uffiċċju ta' Sigurtà tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

2. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbli għas-sigurtà tal-EUPM u sabiex jiżgura konformità mar-rekwiżiti minimi ta' sigurtà applikabbli għall-EUPM, konformement mal-politika tal-UE dwar is-sigurtà tal-persunal skjerat barra l-UE f'kapaċità operattiva taħt it-Titolu V tat-Trattat, u mad-dokumenti li jappoġġawha.

3. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun assistit minn Uffiċjal Anzjan tas-Sigurtà tal-Missjoni (SMSO), li għandu jirrapporta lill-Kap tal-Missjoni u jżomm ukoll relazzjoni funzjonali mill-qrib mal-Uffiċċju ta' Sigurtà tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

4. Il-Kap tal-Missjoni għandu jaħtar Uffiċjali tas-Sigurtà Distrettwali fl-erba' uffiċċji reġjonali, li, taħt l-awtorità tal-SMSO, għandhom ikunu responsabbli mill-amministrazzjoni ta' kuljum tal-aspetti kollha ta' sigurtà tal-elementi rispettivi tal-EUPM.

5. Il-persunal tal-EUPM għandu jingħata taħriġ obbligatorju ta' sigurtà qabel ma jibda xogħlu, konformement mal-OPLAN. Huwa għandu jingħata wkoll taħriġ regolari ta' aġġornament fuq il-post tal-operazzjoni organizzat mill-SMSO.

*Artikolu 14*

**Koordinazzjoni**

1. Mingħajr preġudizzju għal-linja ta' kmand, il-Kap tal-Missjoni għandu jaġixxi f'koordinazzjoni mill-qrib mad-delegazzjoni tal-UE fil-BiH sabiex jiżgura konsistenza tal-azzjoni tal-UE b'appoġġ għall-BiH.

2. Il-Kap tal-Missjoni għandu jikkoordina mill-qrib mal-Kapijiet tal-Missjonijiet tal-UE fil-BiH.

3. Il-Kap tal-Missjoni għandu jikkopera mal-atturi internazzjonali l-oħrajn preżenti fil-pajjiż, partikolarment l-OSKE, il-Kunsill tal-Ewropa u l-Programm ta' Assistenza f'Taħriġ dwar Investigazzjoni Kriminali Internazzjonali (ICITAP).

*Artikolu 15*

**Rilaxx ta' informazzjoni klassifikata**

1. Ir-RGħ huwa awtorizzat jirrilaxxa lill-Istati terzi assoċjati ma' din id-Deċiżjoni, skont il-każ u skont il-ħtiġijiet tal-EUPM, informazzjoni u dokumenti klassifikati tal-UE sal-livell "RESTREINT UE" li jiġu ġenerati għall-finijiet tal-EUPM, konformement mar-Regolamenti ta' Sigurtà tal-Kunsill.

2. Fil-każ ta' ħtieġa operattiva speċifika u immedjata, ir-RGħ huwa awtorizzat ukoll jirrilaxxa lill-Istat ospitanti kwalunkwe informazzjoni u dokumenti klassifikati tal-UE sal-livell "RESTREINT UE" li jiġu ġenerati għall-finijiet tal-EUPM, konformement mar-Regolamenti ta' Sigurtà tal-Kunsill. Fil-każijiet l-oħrajn kollha, din l-informazzjoni u dawn id-dokumenti għandhom jiġu rrilaxxati lill-Istat ospitanti konformement mal-proċeduri applikabbli għall-koperazzjoni mill-Istat ospitanti mal-UE.

3. Ir-RGħ huwa awtorizzat jirrilaxxa lill-Istati terzi assoċjati ma' din id-Deċiżjoni kwalunkwe dokumenti mhux klassifikati tal-UE relatati mad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill relatati mal-EUPM u li jkunu koperti mill-obbligu ta' segretezza professjonali konformement mal-Artikolu 6(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill [1].

*Artikolu 16*

**Reviżjoni**

Għandu jitwettaq proċess ta' reviżjoni kull sitt xhur, skont il-kriterji ta' valutazzjoni esposti fil-CONOPS u l-OPLAN, għandu jippermetti li jsiru aġġustamenti fl-attivitajiet tal-EUPM skont kif ikun meħtieġ.

*Artikolu 17*

**Kapaċità ta' Għassa**

Il-Kapaċità ta' Għassa għandha tiġi attivata għall-EUPM.

*Artikolu 18*

**Dħul fis-seħħ u tul ta' żmien**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2011. Il-baġit għall-2011 għandu jiġi deċiż separatament mill-Kunsill.

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/683/KE, Euratom tat-15 ta' Settembru 2006 li tadotta r-Regoli ta' proċedura tal-Kunsill (ĠU L 285, 16.10.2006, p. 47).

*Artikolu 19*

**Pubblikazzjoni**

1. Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Id-deċiżjonijiet tal-KPS konformement mal-Artikolu 10(1) fir-rigward tal-ħatra tal-Kap tal-Missjoni għandhom ukoll jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. BILDT

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2009/907/PESK

## tat-8 ta' Diċembru 2009

## li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28 u 43(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-10 ta' Novembru 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja ([1]).

(2) Fid-dawl tal-esperjenza mill-ewwel sena tal-operazzjoni, jinħtieġu emendi għall-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK sabiex il-forza navali tal-Unjoni Ewropea tkun tista' tikkontribwixxi għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd 'l barra mix-xtut tas-Somalja.

(3) L-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja jkomplu jheddu t-tbaħħir fiż-żona u b'mod speċjali l-kunsinna tal-għajnuna tal-ikel lill-popolazzjoni tas-Somalja mill-Programm Dinji tal-Ikel.

(4) Għalhekk, huwa meħtieġ li l-operazzjoni tiġi estiża għal sena oħra.

(5) Fit-30 ta' Novembru 2009 l-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 1897 (2009).

(6) L-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

a) fl-Artikolu 1, għandu jiġi miżjud il-paragrafu li ġej:

"3. Barra minn hekk, Atalanta għandha tikkontribwixxi għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd 'l barra mix-xtut tas-Somalja.";

b) fl-Artikolu 2, il-punt (f) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(f) tistabbilixxi kollegament u tikkoopera mal-organizzazzjonijiet u l-entitajiet, kif ukoll mal-Istati, li qed jaħdmu fir-reġjun għall-ġlieda kontra l-atti ta' piraterija u s-serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja, b'mod partikolari l-forza marittima 'Combined Task Force 150' li qed topera fil-qafas tal-operazzjoni 'Libertà Dejjiema';

(g) ladarba jkun sar progress suffiċjenti fuq l-art fil-qasam tal-bini tal-kapaċità marittima, inklużi miżuri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni, tassisti lill-awtoritajiet tas-Somalja billi tagħmel disponibbli data relatata mal-attivitajiet tas-sajd miġbura matul l-operazzjoni.";

c) fl-Artikolu 16, il-paragrafu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-operazzjoni militari tal-UE għandha tintemm fit-12 ta' Diċembru 2010.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. BILDT

([1]) ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.

# ATTI LI L-PUBBLIKAZZJONI TAGĦHOM MHIJIEX OBBLIGATORJA

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tal-1 ta' Diċembru 2009**

**li tistabbilixxi miżuri għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew dwar l-eżerċizzju tal-Presidenza tal-Kunsill, u dwar il-presidenza tal-korpi preparatorji tal-Kunsill**

(2009/908/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 16(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 236(b) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2009 dwar l-eżerċizzju tal-Presidenza tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2, it-tielet subparagrafu, u l-Artikolu 4 tagħha,

Billi:

(1) Għandhom jiġu stabbiliti miżuri għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew dwar l-eżerċizzju tal-Presidenza tal-Kunsill (minn hawn 'il quddiem imsejħa "id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew").

(2) Dawk il-miżuri implimentattivi jinkludu l-ordni li fih il-gruppi ta' tliet Stati Membri stabbiliti minn qabel għandhom ikollhom il-Presidenza b'rotazzjoni għal perijodi konsekuttivi ta' 18-il xahar b'kont meħud tal-fatt li mill-1 ta' Jannar 2007 teżisti, f'konformità mar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, sistema ta' Programmi tal-Kunsill ta' 18-il xahar maqbula bejn it-tliet Presidenzi li jkollhom il-mandat matul il-perijodu kkonċernat.

(3) Skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew, il-kompożizzjoni tal-gruppi għandha tieħu kont tad-diversità tal-Istati Membri u tal-bilanċ ġeografiku fl-Unjoni.

(4) It-tqassim tar-responsabbiltajiet fost l-Istati Membri f'kull grupp hija prevista fl-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew. F'waħda jew l-oħra mis-sitwazzjonijiet previsti fl-Artikolu 2(1) ta' din id-Deċiżjoni, l-Istati Membri f'kull grupp jiddeterminaw bi ftehim komuni l-arranġamenti prattiċi għall-kollaborazzjoni tagħhom.

(5) Barra minn hekk, dawk il-miżuri ta' implimentazzjoni għandhom jinkludu regoli speċifiċi dwar kif jiġu ppreseduti l-korpi preparatorji tal-Kunsill tal-Affarijiet Barranin kif previst fl-Artikolu 2, it-tielet subparagrafu, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew.

(6) Il-parti l-kbira ta' dawk il-korpi preparatorji għandhom jiġu ppreseduti minn rappreżentant tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (minn hawn 'il quddiem "ir-Rappreżentant Għoli"), filwaqt li l-kumplament tagħhom għandhom jibqgħu jiġu ppreseduti mill-Presidenza ta' sitt xhur. Meta l-president ta' dawn il-korpi jkun rappreżentant tar-Rappreżentant Għoli, jista' japplika perijodu transitorju.

(7) Il-korpi preparatorji li huma ppreseduti f'konformità ma' sistema oħra għajr il-Presidenza ta' sitt xhur għandhom ukoll jiġu elenkati f'din id-Deċiżjoni, kif previst fl-Artikolu 2, it-tielet subparagrafu, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew.

(8) Il-presidenza tal-korpi preparatorji li mhumiex elenkati f'din id-Deċiżjoni ser tiġi ppreseduta skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-ordni li fih l-Istati Membri għandhom ikollhom il-Presidenza tal-Kunsill mill-1 ta' Jannar 2007 huwa stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-1 ta' Jannar 2007 li tistabbilixxi l-ordni tal-eżerċizzju tal-Presidenza tal-Kunsill ([2]).

([1]) ĠU L 315, 2.12.2009, p. 50.

([2]) ĠU L 1, 4.1.2007, p. 11.

It-tqassim ta' dan l-ordni tal-Presidenzi fi grupp ta' tliet Stati Membri, skont l-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew, huwa stabbilit fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

1. Kull membru ta' grupp, kif imsemmi fl-Artikolu 1, it-tieni subparagrafu, għandu skont min imiss jippresjedi għal perijodu ta' sitt xhur il-konfigurazzjonijiet kollha tal-Kunsill, bl-eċċezzjoni tal-konfigurazzjoni tal-Affarijiet Barranin. Il-membri l-oħra tal-grupp għandhom jassistu lill-Presidenza fir-responsabbiltajiet kollha tagħha abbażi tal-programm tal-Kunsill ta' 18-il xahar.

2. Il-membri ta' grupp kif imsemmi fl-Artikolu 1 jistgħu jiddeċiedu arranġamenti alternattivi bejniethom.

3. F'waħda jew l-oħra mis-sitwazzjonijiet previsti fil-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri f'kull grupp għandhom jiddeterminaw bi ftehim komuni l-arranġamenti prattiċi għall-kollaborazzjoni tagħhom.

*Artikolu 3*

L-ordni li fih l-Istati Membri ser ikollhom il-Presidenza mill-1 ta' Lulju 2020 għandu jiġi deċiż mill-Kunsill qabel l-1 ta' Lulju 2017.

*Artikolu 4*

Il-korpi preparatorji tal-Kunsill Affarijiet Barranin għandhom jiġu ppreseduti skont ir-regoli stabbiliti fl-Anness II.

*Artikolu 5*

Il-korpi preparatorji tal-Kunsill elenkati fl-Anness III għandhom jiġu ppreseduti minn presidenti fissi kif stabbilit f'dak l-Anness.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, fl-1 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. ASK

*ANNESS I*

| | | |
|---|---|---|
| Ġermanja | Jannar-Ġunju | 2007 |
| Portugall | Lulju-Diċembru | 2007 |
| Slovenja | Jannar-Ġunju | 2008 |
| Franza | Lulju-Diċembru | 2008 |
| Repubblika Ċeka | Jannar-Ġunju | 2009 |
| Svezja | Lulju-Diċembru | 2009 |
| Spanja | Jannar-Ġunju | 2010 |
| Belġju | Lulju-Diċembru | 2010 |
| Ungerija | Jannar-Ġunju | 2011 |
| Polonja | Lulju-Diċembru | 2011 |
| Danimarka | Jannar-Ġunju | 2012 |
| Ċipru | Lulju-Diċembru | 2012 |
| Irlanda | Jannar-Ġunju | 2013 |
| Litwanja | Lulju-Diċembru | 2013 |
| Greċja | Jannar-Ġunju | 2014 |
| Italja | Lulju-Diċembru | 2014 |
| Latvja | Jannar-Ġunju | 2015 |
| Lussemburgu | Lulju-Diċembru | 2015 |
| Olanda | Jannar-Ġunju | 2016 |
| Slovakkja | Lulju-Diċembru | 2016 |
| Malta | Jannar-Ġunju | 2017 |
| Renju Unit | Lulju-Diċembru | 2017 |
| Estonja | Jannar-Ġunju | 2018 |
| Bulgarija | Lulju-Diċembru | 2018 |
| Awstrija | Jannar-Ġunju | 2019 |
| Rumanija | Lulju-Diċembru | 2019 |
| Finlandja | Jannar-Ġunju | 2020 |

*ANNESS II*

**PRESIDENZA TAL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL AFFARIJIET BARRANIN** ([1])

Il-presidenza tal-korpi preparatorji tal-Kunsill Affarijiet Barranin imsemmija fil-kategoriji 1 sa 4 fit-tabella hawn taħt għandha tiġi organizzata kif ġej:

1) Kategorija 1 (korpi preparatorji fil-qasam tal-kummerċ u l-iżvilupp):

   Il-korpi preparatorji għandhom ikunu ppreseduti mill-Presidenza ta' sitt xhur.

2) Kategorija 2 (korpi preparatorji ġeografiċi):

   Il-korpi preparatorji għandhom ikunu ppreseduti minn rappreżentant tar-Rappreżentant Għoli.

3) Kategorija 3 (korpi preparatorji orizzontali, prinċipalment PESK)

   Il-korpi preparatorji għandhom jiġu ppreseduti minn rappreżentant tar-Rappreżentant Għoli, ħlief il-korpi preparatorji li ġejjin, li għandhom ikunu ppreseduti mill-Presidenza ta' sitt xhur:

   — Grupp ta' Ħidma ta' Kunsilliera għar-Relazzjonijiet Barranin (RELEX);

   — Grupp ta' Ħidma dwar it-Terroriżmu (Aspetti Internazzjonali) (COTER);

   — Grupp ta' Ħidma dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (COCOP);

   — Grupp ta' Ħidma dwar Affarijiet Konsulari (COCON);

   — Grupp ta' Ħidma dwar id-Dritt Internazzjonali Pubbliku (COJUR); u

   — Grupp ta' Ħidma dwar il-Liġi tal-Baħar (COMAR).

4) Kategorija 4 (korpi preparatorji relatati mal-PSDK)

   Il-korpi preparatorji relatati mal-PSDK għandhom ikunu ppreseduti minn rappreżentant tar-Rappreżentant Għoli ([2]).

Ir-Rappreżentant Għoli u l-Presidenza ta' sitt xhur għandhom jikkooperaw mill-qrib sabiex jiżguraw koerenza fost il-korpi preparatorji kollha għall-Kunsill Affarijiet Barranin.

Għall-kategoriji 3 u 4, il-Presidenza ta' sitt xhur għandha tkompli tippresjedi l-korpi preparatorji matul il-perijodu transitorju sa sitt xhur wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE). Għall-kategorija 2, dan il-perijodu transitorju għandu jkun ta' 12-il xahar.

Modalitajiet għall-ħatra tal-presidenti

Fejn id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew jew din id-Deċiżjoni tistipula li korp preparatorju (KPS u gruppi ta' ħidma rilevanti) għandu jkun ippresedut minn rappreżentant tar-Rappreżentant Għoli, ir-responsabbiltà tal-ħatra tal-president għandha tkun f'idejn ir-Rappreżentant Għoli. Dawn il-ħatriet għandhom isiru abbażi tal-kompetenza, waqt li jkunu żgurati bilanċ ġeografiku u trasparenza adegwati. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jiżgura li l-persuna li huwa biħsiebu jaħtar bħala president ikollha l-fiduċja tal-Istati Membri. Jekk dik il-persuna għadha mhijiex membru tas-SEAE, hija għandha ssir membru skont il-proċeduri ta' reklutaġġ tas-SEAE, ta' mill-inqas għal matul iż-żmien tal-ħatra. Għandha ssir evalwazzjoni tal-funzjonament ta' dan l-arranġament fil-qafas tar-rapport ta' status dwar is-SEAE previst għall-2012.

([1]) Wara l-1 ta' Diċembru 2009 għandha ssir malajr reviżjoni tal-ambitu u l-organizzazzjoni tal-istrutturi ta' ħidma fil-qasam tal-affarijiet barranin, b'mod partikolari fir-rigward tal-qasam tal-iżvilupp. L-arranġamenti dwar il-presidenza tal-partijiet ta' ħidma għandhom, jekk meħtieġ, jiġu adattati skont il-prinċipji ġenerali stabbiliti f'dan l-Anness.

([2]) Il-Kumitat Militari (EUMC) u l-Grupp ta' Ħidma tal-Kumitat Militari (EUMCWG) għandhom jibqgħu jkunu ppreseduti minn president elett hekk kif kien il-każ qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

| | |
|---|---|
| 1. Korpi preparatorji fl-oqsma tal-kummerċ u l-iżvilupp | Kumitat tal-Artikolu 207 |
| | Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP |
| | Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DEVGEN) |
| | Grupp ta' Ħidma dwar l-EFTA |
| | Grupp ta' Ħidma dwar Merkanzija ta' Użu Doppju |
| | Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Kummerċjali |
| | Grupp ta' Ħidma dwar Prodotti Bażiċi |
| | Grupp ta' Ħidma dwar is-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi |
| | Grupp ta' Ħidma dwar it-Tħejjija ta' Konferenzi Internazzjonali dwar l-Iżvilupp/UNCCD Desertifikazzjoni/UNCTAD |
| | Grupp ta' Ħidma dwar Għajnuna Umanitarja u Għajnuna Alimentari |
| | Grupp dwar Krediti għall-Esportazzjoni |
| 2. Korpi preparatorji ġeografiċi | Grupp ta' Ħidma dwar il-Maxreq/il-Magreb (COMAG/MaMa) |
| | Grupp ta' Ħidma dwar l-Ewropa tal-Lvant u l-Asja Ċentrali (COEST) |
| | Grupp ta' Ħidma dwar ir-Reġjun tal-Balkani tal-Punent (COWEB) |
| | Grupp ta' Ħidma għal-Lvant Nofsani/il-Golf (COMEM/MOG) |
| | Grupp ta' Ħidma dwar l-Asja u l-Oċeanja (COASI) |
| | Grupp ta' Ħidma dwar l-Amerika Latina (COLAT) |
| | Grupp ta' Ħidma dwar ir-Relazzjonijiet Transatlantiċi (COTRA) |
| | Grupp ta' Ħidma dwar l-Afrika (COAFR) |
| 3. Korpi preparatorji orizzontali (maġġorment PESK) | Grupp ta' Ħidma ta' Kunsilliera għar-Relazzjonijiet Barranin (RELEX) |
| | Grupp Nicolaidis |
| | Grupp ta' Ħidma dwar id-Diżarm Globali u l-Kontroll tal-Armi (CODUN) |
| | Grupp ta' Ħidma dwar in-Non-Proliferazzjoni (CONOP) |
| | Grupp ta' Ħidma dwar l-Esportazzjoni ta' Armi Konvenzjonali (COARM) |
| | Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (COHOM) |
| | Grupp ta' Ħidma dwar it-Terroriżmu (Aspetti Internazzjonali) (COTER) [1] |
| | Grupp ta' Ħidma dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (COCOP) [1] |
| | Grupp ta' Ħidma dwar l-OSCE u l-Kunsill tal-Ewropa (COSCE) |
| | Grupp ta' Ħidma dwar In-Nazzonijiet Uniti (CONUN) |
| | Grupp ta' Ħidma ad hoc dwar il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani (COMEP) |
| | Grupp ta' Ħidma dwar id-Dritt Internazzjonali Pubbliku (COJUR, COJUR-ICC) |
| | Grupp ta' Ħidma dwar il-Liġi tal-Baħar (COMAR) |
| | Grupp ta' Ħidma dwar Affarijiet Konsulari (COCON) |
| | Grupp ta' Ħidma dwar Affarijiet Amministrattivi u Protokoll tal-PESK (CODAM) |

| | |
|---|---|
| 4. Korpi preparatorji relatati mal-PSDK | Kumitat Militari (EUMC) |
| | Grupp ta' Ħidma tal-Kumitat Militari (EUMCWG) |
| | Grupp ta' Ħidma Politiku/Militari (PMG) |
| | Kumitat għall-Aspetti Ċivili tal-Maniġġar ta' Kriżijiet (CIVCOM) |
| | Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika Ewropea dwar l-Armi |

([1]) Il-kwistjoni dwar il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Terroriżmu (Aspetti Internazzjonali) (COTER) u tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (COCOP) ser tiġi ttrattata wkoll fil-qafas tad-diskussjoni dwar l-istrutturi ta' ħidma tal-ĠAI.

*ANNESS III*

**PRESIDENTI TAL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL BI PRESIDENZA FISSA**

Presidenti eletti

Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju

Kumitat tal-Impjiegi

Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali

Kumitat Militari ([1])

Kumitat tal-Politika Ekonomika

Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji

Grupp ta' Ħidma tal-Kumitat Militari ([1])

Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi)

Preseduti mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

Kumitat tas-Sigurtà

Grupp ta' Ħidma dwar l-Informazzjoni

Grupp ta' Ħidma dwar l-Ipproċessar ta' Informazzjoni Ġuridika

Grupp ta' Ħidma dwar il-Komunikazzjoni Elettronika

Grupp ta' Ħidma dwar il-Kodifikazzjoni tal-Leġislazzjoni

Grupp ta' Ħidma tal-Ġuristi-Lingwisti

Grupp ta' Ħidma dwar Binjiet Ġodda

---

([1]) Ara wkoll l-Anness II.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-1 ta' Diċembru 2009

## li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet ta' impjieg tal-President tal-Kunsill Ewropew

(2009/909/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Waqt li jikkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 243 tiegħu,

Waqt li jikkunsidra r-Regolament tal-Kunsill Nru 422/67/KEE, 5/67/Euratom tal-25 ta' Lulju 1967 li jiddetermina l-emolumenti tal-President u ta' membri tal-Kummissjoni u tal-President, l-Imħallfin, l-Avukati-Ġenerali u r-Reġistrar tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-President, Membri u Reġistrar tal-Qorti ta' Prim'Istanza u tal-President, Membri u Reġistrar tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea ([1]),

Billi:

(1) It-Trattat ta' Lisbona jittrasforma l-Kunsill Ewropew f'istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea u jistitwixxi l-uffiċju tal-President tal-Kunsill Ewropew b'mandat ta' sentejn u nofs, rinnovabbli darba.

(2) Il-kondizzjonijiet ta' impjieg tal-President tal-Kunsill Ewropew għandhom jiġu stabbiliti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill Nru 422/67/KEE, 5/67/Euratom tal-25 ta' Lulju 1967 li japplikaw għall-President tal-Kummissjoni għandhom japplikaw b'analoġija għall-President tal-Kunsill Ewropew.

2. Is-salarju bażiku fix-xahar tal-President tal-Kunsill Ewropew għandu jkun ugwali għall-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' 138 % għas-salarju bażiku ta' uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fil-grad 16 it-tielet pass.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lill-President tal-Kunsill Ewropew mill-President tal-Kunsill.

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
B. ASK

([1]) ĠU L 187, 8.8.1967, p. 1.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-1 ta' Diċembru 2009

## li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet ta' impjieg tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

(2009/910/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 243 tiegħu,

B'kont meħud tar-Regolament tal-Kunsill Nru 422/67/KEE, 5/67/Euratom tal-25 ta' Lulju 1967 li jiddetermina l-emolumenti tal-President u ta' membri tal-Kummissjoni u tal-President, l-Imħallfin, l-Avukati-Ġenerali u r-Reġistrar tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-President, Membri u Reġistrar tal-Qorti ta' Prim'Istanza u tal-President, Membri u Reġistrar tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea, ([1])

Billi:

(1) It-Trattat ta' Lisbona jistitwixxi l-uffiċju tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà li, skont l-Artikolu 18 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, għandu jmexxi l-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-Unjoni, jippresjedi fuq il-Kunsill Affarijiet Barranin u jkun wieħed mill-Viċi Presidenti tal-Kummissjoni,

(2) Il-kondizzjonijiet ta' impjieg tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għandhom jiġu stabbiliti,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

1. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill Nru 422/67/KEE, 5/67/Euratom tal-25 ta' Lulju 1967 li japplikaw għall-Membri tal-Kummissjoni, inkluż dawk applikabbli għall-Viċi Presidenti tal-Kummissjoni, għandhom japplikaw b'analoġija għar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.

2. B'deroga mill-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 422/67/KEE, 5/67/Euratom tal-25 ta' Lulju 1967, is-salarju bażiku fix-xahar tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika dwar ta' Sigurtà għandu jkun ugwali għall-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' 130 % għas-salarju bażiku ta' uffiċjal tal-Unjoni Ewropea fil-grad 16 it-tielet pass.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà mill-President tal-Kunsill.

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. ASK

([1]) ĠU L 187, 8.8.1967, p. 1.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-1 ta’ Diċembru 2009

## li taħtar lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(2009/911/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 240(2), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Billi għandu jinħatar is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Pierre DE BOISSIEU huwa b’dan maħtur Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-perijodu mill-1 ta’ Diċembru 2009 sal-jum ta’ wara l-laqgħa tal-Kunsill Ewropew ta’ Ġunju 2011.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lis-Sur Pierre de BOISSIEU mill-President tal-Kunsill.

Hija għandha tiġi ppubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta’ Diċembru 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. ASK

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-1 ta' Diċembru 2009

## li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet ta' impjieg tas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(2009/912/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

B'kont meħud tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 243 tiegħu,

Billi għandhom jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet tal-impjieg għas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea;

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jirċievi salarju bażiku ekwivalenti għal dak ta' uffiċjal tal-Unjoni Ewropea fil-grad 16 it-tielet pass, multiplikat b'100 %. Hu jew hi għandhom jirċievu l-allowances tal-familja u l-allowances l-oħra previsti fir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (1).

Hu jew hi għandhom ukoll ikunu intitolati għal arranġamenti għar-rimbors ta' spejjeż għas-sigurtà soċjali stabbiliti b'analoġija ma' dawk previsti fir-Regolamenti tal-Personal u l-Artikolu 17 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu japplika għalih jew għaliha b'analoġija.

*Artikolu 2*

Ir-remunerazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 għandha tkun soġġetta għall-piż iddeterminat mill-Kunsill skont l-Artikoli 64 u 65 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea għall-uffiċjali impjegati fil-Belġju.

*Artikolu 3*

Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jkun intitolat għal allowance ta' residenza stabbilita skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 2290/77 tat-18 ta' Ottubru 1977 li jiddetermina l-emolumenti tal-membri tal-Qorti tal-Awdituri (2), u għal arranġamenti ta' pensjoni u allowance transitorja fil-każ ta' tmiem ta' servizz stabbiliti b'analoġija ma' dawk previsti f'dak ir-Regolament.

*Artikolu 4*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċedura għall-applikar tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej (3) għandu japplika għas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 5*

Jekk ma jiġix iddikjarat mod ieħor f'din id-Deċiżjoni, l-Artikoli 11 sa 14 u l-Artikolu 17 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea u d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 52 tiegħu, għandhom japplikaw għas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Diċembru 2009.

Għandha tiġi notifikata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea mill-President tal-Kunsill.

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
B. ASK

---

(1) Ir-Regolament (KEE Euratom, KEFA) Nru 259/68 (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1).

(2) ĠU L 268, 20.10.1977, p. 1.

(3) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 8.

**DEĊIŻJONI MEĦUDA BI FTEHIM KOMUNI BEJN IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI**

**tas-7 ta' Diċembru 2009**

**dwar il-post tas-sede tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija**

(2009/913/UE)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI,

Wara li kkunsidraw l-Artikolu 341 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-istabbiliment ta' Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija ġie deċiż bir-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija [1]

(2) Il-post tas-sede ta' din l-Aġenzija għandu jiġi ddeterminat,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija għandu jkollha s-sede tagħha f'Ljubljana.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni, li ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandha tieħu effett fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. OLOFSSON

[1] ĠU L 211, 14.08.2009, p.1.

## RETTIFIKA

### Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/442/KE tal-5 ta' Ġunju 2009 li timplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-monitoraġġ u mar-rappurtar

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 148 tal-11 ta' Ġunju 2009)*

Fit-tieni paġna tal-qoxra, fl-aħħar tat-titolu tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/442/KE, in-nota ta' qiegħ il-paġna ([1]) hija imħassra.

F'paġna 18, is-sotto titolu "(Test b'relevanza għaż-ŻEE)" huwa imħassar.

---

### Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/721/KE tal-24 ta' Settembru 2009 li teskludi mill-finanzjament Komunitarju ċerta nefqa mġarrba mill-Istati Membri taħt it-Taqsima ta' Garanzija ta' Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 257 tat-30 ta' Settembru 2009)*

F'paġna 37, tal-anness, fit-tabella "Baġit Nru 6711", il-kolonna "miżura":

*minflok:* "Żvilupp Rurali FAEŻR Assi 2 (2007 DE06RPO 020)"

*aqra:* "Żvilupp Rurali FAEŻR Assi 2 (2007 DE06RPO 019)".

---

**Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1984/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2535/2001 li jipprovdi regoli dettaljati biex ikun applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward l-arranġamenti tal-importazzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u biex jinfetħu kwoti tat-tariffa**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 387 tad-29 ta' Diċembru 2006, ħarġa speċjali bil-Malti L 314M tal-1 ta' Diċembru 2007)*

F'paġna 734, ir-Regolament (KE) Nru 1984/2006 għandu jaqra kif ġej:

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1984/2006**

**tal-20 ta' Diċembru 2006**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2535/2001 li jipprovdi regoli dettaljati biex ikun applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward l-arranġamenti tal-importazzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u biex jinfetħu kwoti tat-tariffa**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib [1],

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni [2] japplika għal-liċenzji tal-importazzjoni għall-perjodi tal-kwota tat-tariffa għall-importazzjoni li jibdew mill-1 ta' Jannar 2007. Dak ir-Regolament jistabbilixxi b'mod partikolari dispożizzjonijiet dettaljati dwar applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni, l-istatus tal-applikanti u l-ħruġ tal-liċenzji. Dak ir-Regolament jillimita l-perjodu ta' validità tal-liċenzji sal-aħħar ġurnata tal-perjodu tal-kwota tat-tariffa tal-importazzjoni. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 għandhom japplikaw għal-liċenzji tal-importazzjoni skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001 [3], mingħajr preġudizzju għal kundizzjonijiet addizzjonali jew derogi stipulati f'dak ir-Regolament, bħar-regoli speċjali dwar l-approvazzjoni ta' importaturi li huma meħtieġa sabiex ikun żgurat li importaturi ġenwini biss japplikaw għal-liċenzji. Huwa meħtieġ li jkun hemm allinjament tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001 mar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 fejn hu xieraq. Peress li r-Regolament (KE) Nru 1301/2006 japplika għal liċenzji għall-perjodi tal-kwota tat-tariffa tal-importazzjoni li jibdew mill-1 ta' Jannar 2007, għandu jsir provvediment għal dewmien fl-applikazzjoni għal kwoti tat-tariffa koperti mir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 li għalihom il-perjodu tal-importazzjoni jibda mill-1 ta' Lulju 2007.

(2) Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001, l-approvazzjoni ta' importaturi f'Ġunju 2006 hija valida mill-1 ta' Lulju 2006 sat-30 ta' Ġunju 2007. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 dwar l-approvazzjoni ma għandhomx japplikaw qabel l-1 ta' Lulju 2007.

(3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1839/2006 tat-28 ta' Novembru 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Arġentina, konkluż mill-KE wara n-negozjati fil-qafas tal-Artikolu XXIV.6 tal-GATT 1994, li jemenda u jissupplimenta l-Anness I mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u tal-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [4] jipprovdi għal kwantità addizzjonali ta' 537 tunnellata ta' trab tal-ħalib xkumat fil-kwota annwali tat-tariffa tal-importazzjoni. Għalhekk, huwa xieraq li l-kwantità tat-trab tal-ħalib xkumat fil-kwota Nru 09.4590 imsemmija fl-Anness I.A għar-Regolament (KE) Nru 2535/2001 tiġi aġġustata.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/909/KE tal-4 ta' Diċembru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tan-Norveġja dwar aġġustamenti fil-preferenzi kummerċjali għall-ġobon li saru fuq il-bażi tal-Artikolu 19 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea [5] tipprovdi għat-tgħaqqid ta' żewġ kwoti tat-tariffa ħielsa mid-dazju annwali tal-ġobon li joriġina min-Norveġja mill-1 ta' Jannar 2007. Għalhekk, huwa xieraq li l-Anness I.H għar-Regolament (KE) Nru 2535/2001 jiġi adattat skont dan.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1549/2006 tas-17 ta' Ottubru 2006 li jemenda Anness I għal Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni tad-Dwana [6] jipprovdi għal emendi mill-1 ta' Jannar 2007 għal ċerti prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM 0406. L-Anness I.A għar-Regolament (KE) Nru 2535/2001 għandu jiġi emendat skont dan.

---

(1) ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).
(2) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.
(3) ĠU L 341, 22.12.2001, p. 29. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 926/2006 (ĠU L 170, 23.6.2006, p. 8).
(4) ĠU L 355, 15.12.2006, p. 1.
(5) ĠU L 346, 9.12.2006, p. 30.
(6) ĠU L 301, 31.10.2006, p. 1.

(6) Id-Deċiżjoni Nru 2/2006 tal-Kunsill tal-Assoċjazzjoni bejn il-KE u t-Turkija tas-17 ta' Ottubru 2006 [1] tapprova pożizzjoni Komunitarja fil-Kunsill tal-Assoċjazzjoni bejn il-KE u t-Turkija dwar l-emenda għall-Protokolli 1 u 2 għad-Deċiżjoni 1/98 tal-Kunsill tal-Assoċjazzjoni bejn il-KE u t-Turkija dwar is-sistema tal-kummerċ għall-prodotti agrikoli. L-emenda għad-Deċiżjoni 1/98 tal-Kunsill tal-Assoċjazzjoni bejn il-KE u t-Turkija ġiet approvata mill-Kunsill tal-Assoċjazzjoni KE-Turkija fid-Deċiżjoni Nru 2 tiegħu.

(7) Għal ċerti prodotti agrikoli, fosthom il-ġobnijiet, li joriġinaw mit-Turkija, il-Protokoll 1 emendat jipprovdi għal kwoti Komunitarji ġodda tat-tariffi u għal tibdil fil-kwoti Komunitarji eżistenti tat-tariffi stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 747/2001 tad-9 ta' April 2001 li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' tariffa ta' kwoti tal-Komunità u ta' kwantitajiet ta' referenza għall-prodotti eliġibbli għal preferenzi bis-saħħa ta' ftehim ma' ċerti pajjiżi tal-Mediterran u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1981/94 u (KE) Nru 934/95 [2]. Għalhekk, huwa xieraq li l-kwantità tal-kwota u d-deskrizzjonijiet tal-prodotti fl-annessi rilevanti għar-Regolament (KE) Nru 2535/2001 jiġu aġġustati.

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(9) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Ħalib u għall-Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 għandu jiġi emendat kif ġej:

1. fl-Artikolu 2, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 [3] għandu japplika għajr fejn huwa pprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament."

2. is-subparagrafu 1 tal-Artikolu 6 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"L-Anness I jistipula l-kwoti tat-tariffi, id-dazji li għandhom jiġu applikati, il-kwantitajiet massimi li għandhom jiġu importati kull sena, il-perjodi tal-kwoti tat-tariffi tal-importazzjoni u t-tqassim tagħhom f'żewġ partijiet indaqs għal perjodi ta' sitt xhur.";

3. l-Artikolu 8 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

Permezz ta' deroga mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, għandha tingħata l-approvazzjoni lill-applikanti li, qabel l-1 ta' April ta' kull sena, jippreżentaw talba lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn huma stabbiliti u li fih huma rreġistrati għall-finijiet ta' VAT, akkumpanjata minn prova li fis-sentejn kalendarji ta' qabel u matulhom it-tnejn huma impurtaw fi jew esportaw mill-Komunità mill-inqas 25 tunnellata ta' prodotti tal-ħalib koperti mill-Kapitolu 04 tan-Nomenklatura Maqgħuda.";

4. l-Artikolu 12 għandu jitħassar;

5. l-Artikolu 13 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu għandu jinbidel kif ġej:

"Madankollu, fil-każ tal-kwoti msemmija fl-Artikolu 5(c) sa (f) u (h), l-applikazzjonijiet għandhom jirrelataw mill-anqas ma' 10 tunnellati u mhux għal aktar mill-kwantità disponibbli għal kull perjodu."

(b) il-paragrafu 3 għandu jitħassar;

6. l-Artikolu 15 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 15*

Fil-ħames jum tax-xogħol wara t-tmiem tal-perjodu għat-tfigħ tal-applikazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom javżaw lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjonijiet mitfugħa għal kull wieħed mill-prodotti konċernati. In-notifiki għandhom jinkludu l-kwantitajiet li għalihom saru l-applikazzjonijiet skont kull numru tal-kwota u kodiċi tan-NM. In-notifiki għandhom isiru fuq formoli separati għal kull kwota.";

7. l-Artikolu 16 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-liċenzji għandhom jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol wara l-ħames jum tax-xogħol wara l-jum tan-notifika kif provdut fl-Artikolu 15.";

(b) il-paragrafu 2 għandu jitħassar;

(c) il-paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3. Il-liċenzji tal-importazzjoni għandhom ikunu validi sal-aħħar jum ta' kull perjodu ta' sitt xhur imsemmi fl-Artikolu 14(1).";

8. l-Artikolu 18 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (d) għandu jinbidel kif ġej:

"(d) fil-kaxxa 20, waħda mill-annotazzjonijiet imniżżla fl-Anness XV;"

(b) il-paragrafu 3 għandu jitħassar.

9. fl-Artikolu 21, il-paragrafu 3 għandu jitħassar;

[1] ĠU L 367, 22.12.2006, p. 68.
[2] ĠU L 109, 19.4.2001, p. 2. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1712/2006 (ĠU L 321, 21.11.2006, p. 7).
[3] ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

10. fl-Artikolu 25(2), ir-raba’ subparagrafu għandu jinbidel bit-test li ġej:

“Il-korp kompetenti li joħroġ il-liċenzji tal-importazzjoni għandu jżomm l-oriġinali ta’ kull IMA 1 ippreżentata.”;

11. fl-Artikolu 28, il-paragrafu 3 għandu jitħassar;

12. fl-Artikolu 32, il-paragrafu 1 għandu jinbidel bit-test li ġej:

“1. Kopja taċ-ċertifikat tal-IMA 1, awtentikata kif xieraq, għandha tiġi ppreżentata, flimkien mal-liċenzja tal-importazzjoni rilevanti u l-prodotti li jirrelataw għaliha, lill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istat Membru li qed jimporta fil-mument li tinxtehet id-dikjarazzjoni tar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 26(1), għandha tiġi ppreżentata waqt li tkun għada valida, ħlief fil-każijiet ta’ forza maġġuri.”;

13. L-Anness I.A għandu jinbidel bit-test stipulat fl-Anness I għal dan ir-Regolament;

14. L-Anness I.D għandu jinbidel bit-test stipulat fl-Anness II għal dan ir-Regolament;

15. L-Anness I.H għandu jinbidel bit-test stipulat fl-Anness III għal dan ir-Regolament;

16. L-Anness II.B għandu jinbidel bit-test stipulat fl-Anness IV għal dan ir-Regolament;

17. L-Annessi VI u VII għandhom jitħassru.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta’ Jannar 2007.

Madankollu, l-Artikolu 1(1), 1(2), 1(4) u 1(9) għandu japplika mill-1 ta’ Lulju 2007 fir-rigward tal-kwoti tat-tariffi msemmija fil-partijiet A, F u H tal-Anness 1 tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001.

L-Artikolu 1(3) għandu japplika fir-rigward ta’ applikazzjonijiet għal liċenzji mitfugħa mill-1 ta’ Lulju 2007 ’l quddiem.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, l-20 ta’ Diċembru 2006.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

"I.A

KWOTI TAT-TARIFFI MHUX SPEĊIFIKATI SKONT IL-PAJJIŻ TAL-ORIĠINI

| Numru tal-Kwota | Kodiċi NM | Deskrizzjoni (1) | Pajjiż tal-Oriġini | Kwota Annwali (f'tunnellati) | Kwota ta' kull Sitt Xhur (f'tunnellati) | Dazju tal-importazzjoni (EUR/100 kg piż nett) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09.4590 | 0402 10 19 | Trab tal-ħalib xkumat | Il-pajjiżi terzi kollha | 68 537 | 34 268,5 | 47,50 |
| 09.4599 | 0405 10 11<br>0405 10 19<br>0405 10 30<br>0405 10 50<br>0405 10 90<br>0405 90 10 (*)<br>0405 90 90 (*) | Butir u xaħmijiet oħra u żjut li ġejjin mill-ħalib | Il-pajjiżi terzi kollha | 11 360<br>F'ekwivalenti ta' butir | 5 680 | 94,80 |
| 09.4591 | ex 0406 10 20<br>ex 0406 10 80 | Ġobon tal-pizza, friżat, imqatta' biċċiet kull waħda ma tiżinx aktar minn gramma (1), f'kontenituri b'kontenut nett ta' 5 kg jew aktar, b'kontenut ta' ilma, skont il-piż, ta' 52 % jew aktar, u b'kontenut ta' xaħam bil-piż tas-sustanza niexfa ta' 38 % jew aktar | Il-pajjiżi terzi kollha | 5 360 | 2 680 | 13,00 |
| 09.4592 | ex 0406 30 10 | Emmentaler ipproċessat | Il-pajjiżi terzi kollha | 18 438 | 9 219 | 71,90 |
| | 04069013 | Emmentaler | | | | 85,80 |
| 09.4593 | ex 0406 30 10 | Gruyère ipproċessat | Il-pajjiżi terzi kollha | 5 413 | 2 706,5 | 71,90 |
| | 0406 90 15 | Gruyère, Sbrinz | | | | 85,80 |
| 09.4594 | 04069001 | Ġobon għall-ipproċessar (2) | Il-pajjiżi terzi kollha | 20 007 | 10 003,5 | 83,50 |
| 09.4595 | 0406 90 21 | Cheddar | Il-pajjiżi terzi kollha | 15 005 | 7 502,5 | 21,00 |
| 09.4596 | ex 0406 10 20<br>ex 0406 10 80 | Ġobon frisk (mhux misjur jew ikkurat), inkluż ġobon tax-xorrox, u baqta għajr il-ġobon tal-pizza tan-numru tal-kwota 09.4591 | Il-pajjiżi terzi kollha | 19 525 | 9 762,5 | 92,60<br>106,40 |
| | 0406 20 90 | Ġobon ieħor maħkuk jew fi trab | | | | 94,10 |
| | 0406 30 31<br>04063039<br>0406 30 90 | Ġobon ieħor ipproċessat | | | | 69,00<br>71,90<br>102,90 |
| | 0406 40 10<br>0406 40 50<br>0406 40 90 | Ġobon bil-vina blu u ġobon ieħor li fih il-vini li huma prodotti minn Penicillium roqueforti | | | | 70,40 |
| | 0406 90 17 | Bergkäse u Appenzell | | | | 85,80 |

| Numru tal-Kwota | Kodiċi NM | Deskrizzjoni (1) | Pajjiż tal-Oriġini | Kwota Annwali (f'tunnellati) | Kwota ta' kull Sitt Xhur (f'tunnellati) | Dazju tal-importazzjoni (EUR/100 kg piż nett) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | 0406 90 18 | Fromage Fribourgeois, Vacherin Mont d'Or u Tête de Moine | | | | 75,50 |
| | 0406 90 23 | Edam | | | | |
| | 0406 90 25 | Tilsit | | | | |
| | 0406 90 27 | Butterkäse | | | | |
| | 0406 90 29 | Kashkaval | | | | |
| | 0406 90 32 | Feta | | | | |
| | 0406 90 35 | Kefalo-Tyri | | | | |
| | 0406 90 37 | Finlandia | | | | |
| | 0406 90 39 | Jarlsberg | | | | |
| | 0406 90 50 | Ġobon mill-ħalib tan-nagħġa jew tal-buflu | | | | |
| | ex 0406 90 63 | Pecorino | | | | 94,10 |
| | 0406 90 69 | Other | | | | |
| | 0406 90 73 | Provolone | | | | 75,50 |
| | ex 0406 90 75 | Caciocavallo | | | | |
| | ex 0406 90 76 | Danbo, Fontal, Fynbo, Havarti, Maribo, Samsø | | | | |
| | 0406 90 78 | Gouda | | | | |
| | ex 0406 90 79 | Esrom, Italico, Kernhem, Saint-Paulin | | | | |
| | ex 0406 90 81 | Cheshire, Wensleydale, Lancashire, Double Gloucester, Blarney, Colby, Monterey | | | | |
| | 0406 90 82 | Camembert | | | | |
| | 0406 90 84 | Brie | | | | |
| | 0406 90 86 | Li jaqbeż l-47 % iżda ma jaqbiżx it-52 % | | | | |
| | 0406 90 87 | Li jaqbeż it-52 % iżda ma jaqbiżx it-62 % | | | | |
| | 0406 90 88 | Li jaqbeż it-62 % iżda ma jaqbiżx it-72 % | | | | |
| | 0406 90 93 | Li jabqeż it-72 % | | | | 92,60 |
| | 0406 90 99 | Ieħor | | | | 106,40 |

(*) 1 kg prodott = 1,22 kg butir

(1) Irrispettivament mir-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem użat għad-deskrizzjoni tal-prodott għandu jiġi kkunsidrat bħala li għandu biss valur indikattiv, peress li l-applikabbiltà tal-arranġamenti preferenzjali hija determinata fil-kuntest ta' dan l-Anness mill-ambitu tal-kodiċi tan-NM. Fejn huma indikati kodiċi tan-NM ex, l-applikabbiltà tal-iskema preferenzjali hija determinata abbażi tal-kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni korrispondenti meħuda flimkien.

(2) Il-ġobnijiet imsemmija huma kkunsidrati bħala pproċessati meta jkunu ġew ipproċessati fi prodotti li jaqgħu fis-sottotitolu 0406 30 tan-Nomenklatura Magħquda. Japplikaw l-Artikoli 291 sa 300 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93."

*ANNESS II*

"I.D

KWOTI TAT-TARIFFI TAĦT IL-PROTOKOLL TAD-DEĊIŻJONI Nru 1/98 TAL-KUNSILL TAL-ASSOĊJAZZJONI BEJN IL-KE U T-TURKIJA

| Numru tal-kwota | Kodiċi tan-NM | Deskrizzjoni [1] | Pajjiż tal-oriġini | Kwota annwali mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru (f'tunnellati) | Dazju tal-importazzjoni (EUR/100 kg piż nett) |
|---|---|---|---|---|---|
| 09.4101 | 0406 90 29 | Ġobon Kashkaval | It-Turkija | 2 300 | 0 |
| | ex 0406 90 32 | Feta magħmula mill-ħalib tan-nagħġa jew tal-buflu f'kontenituri bis-salmura, jew fi fliexken magħmula mill-ġlud tan-nagħaġ jew tal-mogħoż | | | |
| | 0406 90 50 | Ġobon ieħor magħmul mill-ħalib tan-nagħġa jew tal-buflu f'kontenituri bis-salmura, jew fi fliexken magħmula mill-ġlud tan-nagħaġ jew tal-mogħoż | | | |
| | ex 0406 90 86<br>ex 0406 90 87<br>ex 0406 90 88 | Tulum Peyniri, magħmul mill-ħalib tan-nagħġa jew tal-buflu, f'imballaġġ individwali ta' inqas minn 10 kg tal-plastik jew ta' tip ieħor. | | | |

[1] Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, il-kliem użat għad-deskrizzjoni tal-produtti għandu jkun ikkunsidrat bħala li għandu biss valur indikattiv, bl-applikabbiltà tal-iskema preferenzjali tkun determinata, għall-finijiet ta' dan l-Anness, minn dak li hu kopert mill-kodiċi tan-NM. Fejn huma indikati kodiċi tan-NM ex, l-applikabbiltà tal-iskema preferenzjali hija determinata abbażi tal-kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni korrispondenti meħuda flimkien."

*ANNESS III*

"I.H

KWOTI TAT-TARIFFA SKONT L-ANNESS I GĦALL-FTEHIM MAR-RENJU TAN-NORVEĠJA

| Numru tal-Kwota | Kodiċi NM | Deskrizzjoni (1) | Dazju tad-dwana | Kwota mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju kwantitajiet f'tunnellati | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | annwali | kull sitt xhur |
| 09.4179 | 0406 10 | Ġobnijiet friski | eżenzjoni | 4 000 | 2 000 |
| | ex 0406 90 23 | Edam Norveġiż | | | |
| | 0406 90 39 | Jarlsberg | | | |
| | ex 0406 90 78 | Gouda Norveġiż | | | |
| | 0406 90 86<br>0406 90 87<br>0406 90 88 | Ġobnijiet oħra | | | |

(1) Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem użat għad-deskrizzjoni tal-prodott għandu jiġi kkunsidrat bħala li għandu biss valur indikattiv, l-arranġamenti preferenzjali huma determinati, fi ħdan il-kuntest ta' dan l-Anness, minn dak li hu kopert mill-kodiċi tan-NM."

*ANNESS IV*

"II.B

ARRANĠAMENTI PREFERENZJALI GĦALL-IMPORTAZZJONI - IT-TURKIJA

| Numru tas-serje | Kodiċi tan-NM | Deskrizzjoni | Pajjiż tal-oriġini | Dazju tal-importazzjoni (EUR/100 kg piż nett mingħajr indikazzjoni ulterjuri) |
|---|---|---|---|---|
| 1 | 0406 90 29 | Kashkaval | It-Turkija | 67,19 |
| 2 | ex 0406 90 32<br><br>ex 0406 90 50 | Feta magħmula mill-ħalib tan-nagħaġ jew tal-buflu f'kontenituri bis-salmura, jew fi fliexken magħmula mill-ġlud tan-nagħaġ jew tal-mogħoż<br><br>Ġobon ieħor magħmul mill-ħalib tan-nagħġa jew tal-buflu f'kontenituri bis-salmura, jew fi fliexken magħmula mill-ġlud tan-nagħaġ jew tal-mogħoż | It-Turkija | 67,19 |
| 3 | ex 0406 90 86<br>ex 0406 90 87<br>ex 0406 90 88 | *Tulum Peyniri*, magħmul mill-ħalib tan-nagħġa jew tal-buflu, f'imballaġġ individwali ta' inqas minn 10 kg tal-plastik jew ta' tip ieħor. | It-Turkija | 67,19" |

2009/909/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 2009 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet ta' impjieg tal-President tal-Kunsill Ewropew** ........ 35

2009/910/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 2009 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet ta' impjieg tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà** ........ 36

2009/911/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 2009 li taħtar lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea** ........ 37

2009/912/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 2009 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet ta' impjieg tas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea** ........ 38

2009/913/UE:

★ **Deċiżjoni meħuda bi ftehim komuni bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tas-7 ta' Diċembru 2009 dwar il-post tas-sede tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija** ........ 39

---

**Rettifika**

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/442/KE tal-5 ta' Ġunju 2009 li timplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-monitoraġġ u mar-rappurtar** (ĠU L 148, 11.6.2009) ........ 40

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/721/KE tal-24 ta' Settembru 2009 li teskludi mill-finanzjament Komunitarju ċerta nefqa mġarrba mill-Istati Membri taħt it-Taqsima ta' Garanzija ta' Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali** (ĠU L 257, 30.9.2009) ........ 40

★ **Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1984/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2535/2001 li jipprovdi regoli dettaljati biex ikun applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward l-arranġamenti tal-importazzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u biex jinfetħu kwoti tat-tariffa** (ĠU L 387, 29.12.2006, ħarġa speċjali bil-Malti L 314M tal-1 ta' Diċembru 2007) .. 41

MT

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 000 EUR fis-sena (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 100 EUR fix-xahar (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 700 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 70 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 40 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 500 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

| | | |
|---|---|---|
| (*) Il-prezz kull kopja: | bi 32 paġna: | 6 EUR |
| | minn 33 sa 64 paġna: | 12 EUR |
| | aktar minn 64 paġna: | Prezz fiss għal kull każ |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT